IŻ-ŻEJTUN

*Citta' Beland*

# Ir-Rapport Annwali 2023

# u

# l-Estimi Finanzjarji 2024

# Il-Werrej

Il-Werrej ........................................................................................................................ i
Il-Kunsill Lokali ........................................................................................................................ 1
Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Mejju 2019________________________________________1
It-Tqassim tad-Dekasteri ______________________________________________________ 1-4
L-Impjegati tal-Kunsill ___________________________________________________________5
L-Istruttura tal-Organizzazzjoni__________________________________________________ 5-6
Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni _______________________________________________6
Il-Laqgħat tal-Kunsill ____________________________________________________________7
Doris Abela, is-Sindku ........................................................................................ 8-29
Joan Agius, il-Viċi-Sindku ........................................................................................ 30-38
Amanda Abela ........................................................................................................ 39
Gesmond Baldacchino ........................................................................................ 40-44
Dorcas Camilleri ........................................................................................ 45-49
Sean Chircop ........................................................................................ 50-65
Stephanie Fenech ........................................................................................ 66-71
Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2024 ........................................................................ 72-83

# Il-Kunsill Lokali

## Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Mejju 2019




**Mix-xellug: Anton Falzon (is-Segretarju Eżekuttiv), Sean Chircop, Raymond Caruana, Stephanie Fenech, Joan Agius (il-Viċi-Sindku), Doris Abela (is-Sindku), Amanda Abela, Gesmond Baldacchino, Dorcas Camilleri u Roderick Caruana**

## It-Tqassim tad-Dekasteri

Is-Sindku qassmet id-dekasteri u r-responsabbiltajiet kif ġej :

<u>Doris Abela - Is-Sindku</u>



- Il-laqgħat tal-Kunsill u r-rappreżentazzjoni legali.
- L-estimi u l-kontroll tal-finanzi (mas-Segretarju Eżekuttiv).
- Assenjar tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Il-Kumitati Reġjonali u l-infurzar tal-liġi.
- Id-drittijiet taċ-ċittadini (inkluż iċ-ċertifikati u l-passaporti).
- Proġetti Infrastrutturali inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna.
- It-traffiku.
- Sigurta' tal-lokal.

- Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali.
- L-Innovazzjoni u Proġetti Ambjentali.
- Devoluzzjoni ta' propjetà tal-Gvern Ċentrali.
- Infurzar fuq permessi tax-xogħlijiet.

Joan Agius - il-Viċi-Sindku



- Is-servizzi għat-tfal sa 12 -il sena, inkluż il-*Kids' Club.*
- Attivitajiet u inizjattivi għall-familja, inkluż is-servizz u l-korsijiet għal kulħadd.
- Solidarjetà u integrazzjoni soċjali u l-ugwaljanza.
- L-assistenza soċjali.
- Il-kuntatti mal-Korporazzjoni tat-Taħriġ u x-Xogħol.
- Skema għall-ġbir tal-iskart riċiklat.
- Promozzjoni għall-isseparar tal-iskart.
- *i-BiNs.*
- *Noticeboards.*

Amanda Abela - Kunsilliera



- L-istatistika.
- Il-*policy* tal-ilma.
- L-Eko-Konformità.
- Il-negozju u l-kummerċ.
- Il-liċenzji tal-ħwienet.
- Il-promozzjoni tan-negozji.
- Informazzjoni fuq Fondi mill-UE.

Gesmond Baldacchino - Kunsillier



- Il-latrini pubbliċi.
- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi inkluż it-tisqija (Ġnien iċ-Ċrieki, Ġnien Brejġu u Ġnien il-Qawsalla).
- Il-manutenzjoni taż-żoni rikreattivi u l-funtani.
- L-uffiċċju elettorali u karta tal-identita'.
- Il-parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabilita'.
- Suq fil-beraħ.
- *Housing.*

Dorcas Camilleri - Kunsilliera



- L-anzjani.
- Id-Dar tal-Anzjani.
- Kuntatt mad-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani.
- Iċ-Ċentru tal-Kura Matul il-Jum għall-anzjani Żwieten.
- Id-djar l-oħra fejn hemm l-anzjani Żwieten.
- Il-persuni b'diżabbiltà.
- Il-Librerija Pubblika Lokali.
- L-edukazzjoni formali mill-Kindergarten sal-5 sena tas-Sekondarja.
- Il-Kunsilli Skolastiċi Primarji u Sekondarji sal-*Form* 5.
- L-Edukazzjoni għall-adulti inkluż korsijiet akkademiċi.

Raymond Caruana - Kunsillier



- Is-servizz tal-ilma u d-drenaġġ.
- It-telekomunikazzjoni.
- Is-servizz postali.
- Il-kalendarju liturġiku u l-attivitajiet reliġjużi fil-beraħ.
- Il-kuntatt mal-Knisja fuq iċ-ċimiterju.
- Il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati.
- Il-knis u t-tindif tat-toroq inkluż l-isqaqien rurali.
- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi, u s-*soft areas* inkluż it-tisqija (Ġnien iż-Żgħożija, Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien il-Kmandant).
- Is-servizz tal-elettriku fit-toroq.

Roderick Caruana - Kunsillier



- L-enerġija.
- L-Ambjent.
- Il-ħarsien tal-ġwiebi.

<u>Sean Chircop - Kunsillier</u>



- L-istorja u l-kultura.
- It-turiżmu.
- Il-premju *Ġieħ iż-Żejtun.*
- Ir-riabilitazzjoni u r-restawr.
- Il-ħarsien taż-żona urbana ta' konservazzjoni u skedar.
- It-tradizzjoniijiet folkoristiċi u d-djalett, inkluż l-identità Żejtunija.
- Il-konfini, il-periferija, in-numerazzjoni tal-bibien.
- L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar.
- Tabelli bl-ismijiet inkluż it-tismija tat-toroq.
- Sit elettroniku tal-Kunsill u żviluppar ta' mezzi godda ta' komunikazzjoni.
- Il-Librerija tal-Kunsill.
- L-għamara tat-toroq.
- *Noticeboards.*

<u>Stephanie Fenech - Kunsilliera</u>



- L-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi.
- Ir-relazzjonijiet barranin u l-ġemellaġġi.
- Iż-żgħażagħ u l-isport.
- *Youths @ local.*
- Ħarsien tal-annimali.
- Medja.
- Saħħa, Sanita u promozzjoni ta' Trasport Alternattiv.
- It-Trasport Pubbliku.
- Informazzjoni fuq Fondi mill-UE.
- Ix-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija.
- It-taħriġ fit-teknoloġija tal-informatika.

## L-Impjegati tal-Kunsill

Il-Kunsill għandu tmien impjegati, kif ġejjin:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Anton Falzon | Is-Segretarju Eżekuttiv |
| Angelo Caruana | Assistent Principali |
| Reuben Mamo | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Stefan Borg | Skrivan |
| Marthese Zahra | Skrivana |
| Ann Marie Borg | Skrivana |
| Mary Kay Vassallo | Skrivana |
| Jesmond Galea | Skrivan (*part-time*) |

Għandu wkoll għaxar impjegati sekondati:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Joseph Chetcuti | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Frankie Spagnol | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Francis Borg | *Head Gardener*, impjegat mal-Kunsill |
| Joseph Fenech | *Head Gardener*, impjegat mal-Kunsill |
| Samuel Grima | Ġardinar tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Antonio Lapira | Ġardinar tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Lawrence Azzopardi | *Head of Maintenance*, impjegat mal-Kunsill |
| Clifford Vella | *General Hand*, impjegat mal-Kunsill |
| Andrew Cassar | Ġardinar, impjegat mal-Kunsill |
| Jason Mifsud | Ġardinar, impjegat mal-Kunsill |

## L-Istruttura tal-Organizzazzjoni



Il-Kunsill ifassal il-politika kollha wara li jikkunsidra u jistħarreġ ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjonijiet, il-Kumitati jew is-Sottokumitati maħluqa minnu. Id-deċiżjonijiet jinbtu mill-Kunsill; is-Sindku u l-kunsillieri jaraw li jseħħu. Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, huma responsabbli mill-finanzi u r-rappreżentanza legali tal-Kunsill (Artikli 26 u 27).

L-irwoli tas-Segretarju Eżekuttiv u s-Segretarjat huma distinti minn dak tal-Kunsill. Is-Segretarju, li l-liġi tiddefinixxih bħala l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill (Artiklu 52), hu responsabbli li jwettaq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

## Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni




L-Assistenti Prinċipali u l-Uffiċjali Eżekuttivi jipprovdu l-assistenza kollha meħtiega lill-Kunsill u jservu bħala l-kuntatt tal-Kunsill mal-pubbliku. Il-Kunsill għandu mpjegati miegħu tmien ħaddiema manwali biex ikunu jistgħu jagħmlu dak ix-xogħol li, bosta drabi, ma jidħolx għalih xi kuntrattur.

Ix-xogħol ta' maniġer tal-kuntratti, li jieħu ħsieb il-kuntatti bejn il-Kunsill u l-kuntrattur u jiċċertifika l-ħlasijiet taħt l-istess kuntratti, ħafna drabi jitwettaq mill-kunsillieri bla ħlas.

## Il-Laqgħat tal-Kunsill

Matul l-2023, il-Kunsill iltaqa' 12 -il darba. Bħas-snin preċedenti, l-attendenza u sehem kontinwu mill-kunsillieri ma naqsux, minkejja li jkollhom impenji oħra, avolja l-ħidma fil-Kunsill issir fuq bażi volontarja. Hawnhekk hawn it-tabella tal-attendenza tal-Kunsilliera għas-sena 2023:




Preżenti
Skużati
Assenti

# Doris Abela, is-Sindku

## Introduzzjoni

Bħal kull sena qed inressqu quddiemkom ir-rapport ta' ħidma għal matul is-sena 2023. Iżda qabel nibda, nixtieq insellem il-memorja ta' waħda mill-impjegati tagħna, Marthese Zahra, li ħallietna għall-ħajja ta' dejjem ftit tal-ġimgħat ilu. Hija kienet ilha 7 snin mat-tim tal-*Customer Care,* tagħti servizz lill-komunita' Żejtunija. Inħossni grata lejha u lejn il-ħidma li dejjem wettqet bl-ikbar rispett u diliġenza. Nagħti l-kondoljanzi lir-raġel tagħha Noel, it-tifel Luca u l-familjari tagħha.

Tajjeb wieħed jinnota li dan huwa l-aħħar rapport li qed isir mill-Kunsill kif inhu kompost illum, hekk kif wasalna lejn tmiem din il-leġiżlatura u f'Ġunju li ġej ser ikollna l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, nixtieq nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil sħabi kunsilliera li ħadmu matul dawn l-aħħar 5 snin u minkejja l-sfidi kollha, taw is-sehem tagħhom biex jaraw il-lokalita' tagħna timxi 'l quddiem. Fl-istess waqt, nawgura lil dawk ġodda li ser ikunu qed jikkontestaw biex jiffurmaw il-Kunsill il-ġdid.

## Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku u Kummerċjali

Mill-ewwel ta' Jannar bdejna bi skeda ġdida fil-ġbir tal-iskart. Il-kuntratt tal-iskart issa ma baqax f'idejn il-Kunsill iżda għadda f'idejn ir-Reġjun. Saru diversi tibdil fosthom, dik li naqset ġabra waħda tal-borża s-sewda ta' nhar ta' Tnejn, il-ġbir tal-iskart riċiklat beda jsir kull nhar ta' Ħamis, kif ukoll beda jopera kuntrattur ġdid. Din il-bidla ġabet diversi sfidi fosthom, żieda fil-prezz li l-Kunsill irid iħallas għall-ġabra, kif ukoll żieda drastika fit-*Tipping fees* li minn €20 kull tunellata telgħet għal €40 kull tunellata. Din ser terġa togħla għal €60 kull tunellata għas-sena 2024. Dawn il-piżijiet żgur li ser ikunu qed jaffettwaw il-mod ta' kif il-Kunsill ser iqassam in-nefqa tiegħu fl-estimi għas-sena finanzjarja tiegħu.

## Infrastruttura - Toroq u Ġonna

Din is-sena kellna bidla fil-mod ta' kif kienu ser jibdew isiru t-toroq minn *Infrastructure Malta,* hekk kif kull lokalita' ingħatat allokazzjoni skond id-daqs tal-lokalita. Iż-Żejtun ingħatajna allokazzjoni ta' 9,000 metru kwadru. Minkejja li bħala Kunsill tajna l-lista ta' toroq li xtaqna nwettqu matul din is-sena, għal raġunijiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom, ix-xogħol waqa' lura u kull ma sar kienet triq waħda ġewwa Ġebel San Martin - Triq Mons. Cachia Abela. Hawnhekk inbidlu s-servizzi tal-ilma, saru l-bankini kif ukoll ingħata wiċċ ġdid bit-*tarmac.*





## Qasam Ħal Tmin

Kif kont ħabbart is-sena li għaddiet dwar pjanijiet ta' xogħol għas-sena 2023, bdejt naħdem flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex dawn il-proġetti jiġu mwettqa. Fuq il-proġett ta' Ħal Tmin, ibbenefikajna minn skema ta' *Urban Greening* imnedija minn Ambjent Malta, fejn irnexxielna nġibu aktar minn €100,000 f'fondi li bihom inkunu f'pożizzjoni li din il-parti li kienet fi stat t'abbandun, nibdluha fi spazju aħdar għall-familji ta' din iż-żona. Ix-xogħol beda miexi u bħalissa qed issir il-ġiebja li minnha ser jittieħed l-ilma għat-tisqija tas-siġar u pjanti li ser jitħawlu bħala parti minn dan il-proġett immirat għall-familji tal-madwar.









## Ġnien Brejġu

Wara li l-applikazzjoni ġiet approvata mill-Awtorita' tal-Ippjanar, ħriġna sejħa pubblika għall-apparat tal-logħob. It-tender ġie evalwat u qegħdin fi stadju li jibda x-xogħol sabiex din il-*Playing Field* issir ukoll.





## Proġett *Bellus*

Sfortunatament dan il-proġett, li kien intiż sabiex jikkreja trakka tal-*jogging* u mixi minn Dun Pawl Brunchell sa Ġebel San Martin, jinsab imwaħħal minħabba li hemm nuqqas ta' ftehim mal-ERA dwar partijiet mill-proġett fejn jidħlu ħitan tas-sejjiegħ. Nittama li din tiġi riżolta sabiex il-proġett ikun jista jitwettaq ukoll.

## Transport għall-Anzjani

Wara li konna applikajna għall-fondi mill-iskema tal-*European Mobility Week* imnedija minn Transport Malta, il-Kunsill kien ibbenefika minn €25,000 li permezz tagħhom stajna nixtru vann elettriku li jkun jista' jġorr anzjani u persuni bi problemi ta' mobilita'.

Rajna li permezz ta' ftehim li għamilna mad-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva, ir-residenti tagħna se jkollhom servizz aktar mifrux, tant li minflok jintuża ġoż-Żejtun biss, issa jista' jiġi utilizzat anke għal M'Xlokk, M'Skala, Ħal Għaxaq, B'Bugia u l-Poliklinika ta' Raħal Ġdid.

Minbarra din l-iskema, applikajna wkoll għall-fondi tal-LESA fejn hawnhekk ibbenefikajna minn €74,160 li permezz tagħhom il-Kunsill xtara vann ieħor elettriku li ser ikun qed jintuża kemm mill-anzjani, kif ukoll minn persuni vulnerabbli, grazzi għall-ftehim li l-Kunsill għamel ma' *CareMalta Group.*



***Ftehim mad-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva***



***Ftehim ma' Care Malta***

It-tielet vann li akkwistajna permezz tal-fondi mill-LESA, huwa ordnat u mistenni jasal fil-ġimgħat li ġejjin. Dan il-vann ser ikun qed jintuża mill-ħaddiema manwali tagħna fil-qadi ta' dmirijiethom.

# Restawr

## Kappella ta' San Klement

Hekk kif ħabbart is-sena li għaddiet, ix-xogħol ta' restawr fuq il-knisja ta' San Klement beda u mistenni li jkun lest sal-aħħar ta' Frar 2024 biex hekk inkunu irrestawrajna żewġ kappelli permezz ta' fondi maħruġa mid-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali. Niżżiħajr lill-Kunsillier Sean Chircop inkarigat mill-kultura, li kien strumentali fit-twettiq ta' dawn ix-xogħlijiet.




## Is-Salib tal-Pjazza

Proġett ieħor din id-darba ffinanzjat mill-INDIS Malta, huwa r-restawr tas-Salib tal-Pjazza. Ix-xogħol fuqu beda u huwa ppjanat li jkun lest għal nofs Frar 2024. Ser inkunu qed nirrestawraw ukoll il-ħadid tad-dawra, kif ukoll isir pavimentar ġdid fil-bażi tas-salib.



## Ġnien il-Kmandant

L-applikazzjoni fuq ir-Restawr tal-faċċata ta’ Ġnien il-Kmandant ġiet approvata mill-Awtorita’ tal-Ippjanar u ħriġna sejħa pubblika għax-xogħlijiet. It-tender ġie evalwat u fil-ġimgħat li ġejjin mistenni li jibda x-xogħol fuqu wkoll. Dan il-proġett huwa ffinanzjat grazzi għall-iskema ta’ restawr mill-GAL Xlokk.



## Ħaddiema tal-Kunsill

Din is-sena ingaġġajna żewġ ġardinara oħra, Jason Mifsud u Andrew Cassar, sabiex issa b'kollox għandna erbgħa. Tnejn assenjati għall-manutenzjoni fil-ġonna u tnejn jieħdu ħsieb iż-żbir, is-*soft areas u* t-toroq rurali. B'hekk issa dan ix-xogħol qed jieħdu ħsiebu l-ħaddiema tagħna minflok il-kuntrattur kif konna qabel. Din is-sistema qed taħdem tajjeb, tant li rajna titjib sostanzjali fl-operat tagħna f'dan il-qasam.

Ingħaqdet magħna wkoll Mary Kay Vassallo li daħlet bħala skrivana b'mod każwali sabiex tgħin lit-tim tal-*customer care* fin-nuqqas ta' Marthese.













***Xogħlijiet ta' manutenzjoni mill-ħaddiema tagħna***












## Manuċċa *Child Care Centre*

Dan iċ-ċentru huwa mmexxi miż-Żejtun *Community Foundation* u hawnhekk nixtieq nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lid-Diretturi tal-Bord ta' Tmexxija għall-ħidma tagħhom matul is-sena. Grazzi kbira lill-kordinatriċi taċ-ċentru Fiona Camilleri u lit-tmin *carers* li għandna magħna, li jagħtu l-aqwa servizz lit-tfal li jattendu dan iċ-ċentru. Ħajr ukoll lill-Kunsilliera Joan Agius li ssegwi l-andament tax-xogħol.



## Ġieħ iż-Żejtun

Din is-sena, dan l-unur ingħata lis-Sa. Miriam Vella għas-sehem tagħha fil-komunita' Żejtunija.



## Żejt iż-Żejtun

Għal darb'oħra, l-attivita' kellha attendenza tajba ħafna. Preżenti magħna kellna wkoll diversi delegazzjonijiet fosthom, is-Sindku ta' Oborniki l-Polonja - Tomasz Szrama, is-Sindku ta' Birżeit il-Palestina - Diana Sayej Naser, kif ukoll delegazzjoni minn Celano mmexxija mill-President tal-Kunsill Silvia Morelli u l-President tal-*Associazione Osvaldo Costanzi,* is-Sur Ilio Nino Morgante. Onorawna wkoll bil-preżenza tagħhom, l-E.T. Ambaxxatur tal-Palestina, Fadi Hanania u l-E.T il-President ta' Malta, George Vella u Sa. Vella.





## Reġjun Kulturali

Din is-sena, ir-Reġjun Nofsinhar li aħna niffurmaw parti minnu, ħa t-titlu tar-Reġjun Kulturali, u grazzi għall-Fondi li ngħatajna, stajna nwettqu diversi attivitajiet flimkien mar-Reġjun fosthom:



***Il-Manuċċa Ttir maż-Żmien***




***Tellieqa taż-żwiemel ġewwa l-Marsa, fejn Ellington Dream, iż-żiemel assenjat mal-lokalita' tagħna rebaħ din it-tellieqa***

## Tħawwil ta' Siġar u Arbuxelli

Fis-26 ta' Frar 2023, saret attivita' ta' tħawwil ta' 125 arbuxelli ġewwa ż-żona ta' San Klement fuq inizjattiva ta' *Grow 10 Trees* u *MOVE for Trees*.






## Ġnien iċ-Ċrieki

Fl-20 ta' Ottubru 2023, sar tħawwil ta' ħxejjex bħal: Merqtux, klin, ħabaq u nanieh ġewwa Ġnien iċ-Ċrieki, grazzi għall-għajnuna ta' *Project Green* u *Parks Malta*.



## Qasam ta' Ganza

Sar ukoll tħawwil ta' 60 siġra ta' Ġuda u taż-Żebbuġ grazzi għall-kollaborazzjoni ta' *Projects Plus* u *Civil Protection Department.*



## Ġemellaġġi u mpenji oħra

L-irwol ta' Sindku jirrikjedi diversi mpenji oħra minbarra dawn li semmejt, fosthom dik li nibnu ħbiberiji ġodda ma' pajjiżi u lokalitajiet barranin. Din is-sena tista' tgħid li kienet waħda mpenjattiva ħafna f'dan il-qasam, u hawnhekk nirringrazzja lill-Kunsilliera Stephanie Fenech, li kienet kruċjali sabiex nimirħu aktar f'dan ir-rigward.

F'April tlajna Avola flimkien ma' grupp ta' 25 persuna. Minbarra li kienet esperjenza mill-isbaħ, kellna l-opportunita' li naraw mill-qrib kulturi u tradizzjonijiet ta' din il-Belt sabiħa. Nixtieq nirringrazzja lis-Sindku, Rossana Cannata tal-laqgħa sabiħa li tatna ġewwa l-binja tal-Kunsill ta' Avola, fejn iffirmajna wkoll ftehim ta' ħbiberija bejn iż-żewġ lokalitajiet.





Wara li s-Sindku ta’ Oborniki l-Polonja, għamel żjara f’Ġunju, tkellimna dwar il-possibilta’ ta’ ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet u rajna li stajna nikkollaboraw flimkien f’diversi oqsma bħal-kultura, sport u edukazzjoni, hekk li fis-26 ta’ Settembru, dan il-ġemellaġġ immaterjalizza. Nixtieq nirringrazzja lill-E.T l-Ambaxxatriċi Marisa Farrugia u l-Onor. Ray Abela li kienu strumentali biex sar dan il-ftehim.



***Iffirmar tal-ġemellaġġ bejn iż-Żejtun u Oborniki***

Saret laqgħa mal-President tal-Kunsill ta’ Celano, Sylvia Morelli u delegazzjoni mill-*Associazione Osvaldo Costanzi* mmexxija minn Ilio Nino Morgante, li kienu mistiedna għall-attivita’ ta’ Żejt iż-Żejtun.







***Żjara ġewwa Celano fuq stedina tas-Sindku Settimio Santilli, fl-okkażjoni tat-800 Anniversarju mill-eżilju taċ-Ċelaniżi lejn Sqallija u Malta***





***Żjara minn delegazzjoni Pollakka mmexxija mis-Sindku ta' Oborniki Tomasz Zsrama***





***Żjara mill-Ambaxxatur Palestinjan, Fadi Hanania u delegazzjoni minn Birzeit immexxija mis-Sindku Diana Sayed, li trattat dwar il-possibilta' ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet***



***Żjara mill-Konslu Onorarju ta' Malta għall-Polonja ET Kristyna Mikulanka***




Photo:DOI - Kian Bugeja

***Konferenza organizzata minn SEM dwar fondi Ewropej***



***Laqgħa ma' grupp ta' għalliema Spanjoli fuq Proġett tal-Erasmus flimkien mal-iskola Primarja A***

## Impenji oħra marbuta mar-rwol tiegħi



***Għoti ta' ħwejjeġ u ikel miż-Żwieten b'risq il-vittmi tal-Urkaina u tat-Turkija***



***Attivita' Horror History li saret fid-29 ta' Ottubru 2023***






***It-tnedija u l-Attivita' ta' San Girgor***



***CulturALLA***



***Laqgħa mal-istudenti tal-Arkitettura***





***Attivita' bejn il-Kunsill, Project Green u l-Iskola Primarja dwar proġett ta' tisbiħ fiż-żona ta' Ġebel San Martin***




***Chinese Medical Team - Attivita' biex infakkru t-30 sena mit-twaqqif tal-Klinika Ċiniża f'Malta***



***Tħawwil ta' siġra mill-ET, l-Ambaxxatur tal-Iżlanda Jesmond Cutajar, fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mindu bdew ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi bejn Malta u l-Iżlanda***



***Milied B'Imħabba***

## Estimi Finanzjarji tal-Kunsill

L-akbar uġigħ ta' ras dejjem tkun kif ser tqassam il-finanzi tiegħek. Flimkien mas-Segretarju, naraw kif mill-allokazzjoni li jagħtina l-gvern ċentrali, dejjem nallokaw parti li permezz tagħha nkunu nistgħu inwettqu proġetti għall-komunita'. Issa li l-ispiża tal-iskart żdiedet drastikament, dan sar aktar u aktar diffiċli, meta tieħu in konsiderazzjoni li l-allokazzjoni li ningħataw għall-amministrazzjoni, anqas tagħmel tajjeb għas-salarji tal-ħaddiema, aħseb u ara għall-ispejjeż l-oħra, bħal dawl, ilma u telefon, li wkoll jaqgħu taħt din il-kategorija. Trid tara kif u minn fejn se ssib il-finanzi biex tagħmel tajjeb għalihom, li grazzi għat-tmexxija għaqlija li l-Kunsill dejjem imxejna biha, irnexxielna naslu.

Hawn irrid niżżiħajr lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anton Falzon, li dejjem ra kif l-estimi tal-Kunsill ikunu preċiżi u n-nefqa qatt ma taqbeż l-allokazzjoni tagħna. L-għajnuna tiegħu hija kruċjali wkoll sabiex nakkwistaw fondi minn skemi li joħorġu minn żmien għal żmien li permezz tagħhom, xorta waħda nkunu nistgħu inwettqu l-proġetti tagħna. Dan kollu jirrikjedi ħidma bla waqfien li minkejja li ma tidhirx, hija waħda importanti ħafna sabiex kunsill jitmexxa bl-aħjar mod possibbli.

## Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lill-Għaqdiet kollha u r-residenti Żwieten tal-appoġġ kontinwu tagħhom lejn il-ħidma tal-Kunsill. Grazzi lill-ħaddiema kollha tagħna, kemm dawk klerikali kif ukoll dawk manwali, li mingħajr il-ħidma ta' kull wieħed u waħda minnhom, dan ix-xogħol kollu li wettaqna żgur ma kienx ikun possibbli. Grata lejn ir-rispett reċiproku li dejjem kien hemm bejnietna.

Grazzi lil sħabi kunsilliera li ħadmu spalla ma' spalla miegħi tul din il-leġiżlatura għaliex minkejja l-sfidi li niltaqgħu magħhom, żgur li f'moħħna dejjem kellna l-ġid taż-Żejtun u ż-Żwieten!

# Joan Agius, il-Viċi-Sindku

## Introduzzjoni

Dan huwa d-29 rapport tiegħi u huwa ta' sodisfazzjon personali li tajt ħini għall-komunità taż-Żejtun għal dawn l-aħħar 29 sena. Minkejja kollox u x-xogħol *full time* impenjattiv tiegħi, xorta waħda l-ħidma volontarja u l-inizjattiva favur il-komunita' Żejtunija qatt ma naqset. Kienet sena oħra ta' sodisfazzjon fil-ħidma b'impenn u b'imħabba lejn iż-Żejtun u ż-Żwieten. Din is-sena qed niċċelebra t-30 sena tiegħi fil-Kunsill Lokali 1994 - 2024.



Id-dekasteri tiegħi huma l-**Komunità, Familja, Tfal, il-Manuċċa *Child Care Centre* u Żejt iż-Żejtun.** Kont strumentali biex twaqqfu diversi inizjattivi fil-Komunità tagħna għal diversi snin u tista' tgħid li għadhom għaddejjien u qatt ma naqsu mill-ħidma tiegħi.

Dan kollu qed isir wara l-ħin tax-xogħol u fil-ħin liberu tiegħi. Ħidma produttiva li qiegħda issir fil-kwiet b'tant imħabba u b'kunfidenzjalita' kbira. L-attivitajiet, bħas-snin l-imgħoddija, immirati lejn il-**Familja, Tfal u l-Komunità** inġenerali, kienu fil-kalendarju tiegħi u l-attivitajiet tal-***Kids Club*,** saru fuq bażi regolari kull nhar ta' Sibt fil-Ġnien ta' San Girgor.

Fil-qosor ser nagħti ftit informazzjoni fuq dawn l-attivitajiet, li tista' tgħid kienu kollha edukattivi u ta' divertiment għall-familja kollha. L-attendenza kienet waħda tajba ħafna u diversi nies irridu li jien nibqa' ntella' dawn l-attivitajiet għalihom. L-iskop huwa wieħed ġenerali li nagħti l-għajnuna possibli tiegħi sa fejn nista' liż-Zwieten li jiġu għandi u nferrah lit-tfal u lil-familji tagħhom.

## Tfal

It-tfal minn dejjem kienu l-għan ewlieni tiegħi fejn nindukrawhom, nedukawhom u nkomplu ngħinuhom fl-iżvilupp u t-trobbija tagħhom.

## Saru diversi attivitajiet fosthom:

- *Kids Club* Xitwa kull nhar ta' Sibt bejn is-2:00pm u l-4:00pm.
- *Kids Club* Sajf kull nhar ta' Sibt bejn il-5:00pm u s-7:00pm.
- Tisjir u logħob għat-tfal.
- Informazzjoni Edukattiva.
- Parties tal-Milied, *Halloween* u l-Karnival.
- *Water Sports* fis-Sajf.
- Ħarġiet Edukattivi u Kulturali għat-tfal.
- *Crafts.*
- Żjarat lill-anzjani ġewwa ż-*Zejtun Home.*
- Morna naraw film għat-tfal - *Frozen.*
- Nagħti ċans lis-**Studenti tas-SOK** ukoll li jattendu bħala parti mill-proġett tagħhom waqt il-*Kids Club.*








## Teartru - L-Istorja Sabiħa ta’ *Sindirella* (Kitba u Direzzjoni ta’ Andre’ Mifsud - *Kids Club Leader* ta’ 23 sena).



Għal darba’oħra Andrè żamm l-appuntament fil-kitba mexxejja tiegħu għall-komunità tagħna ż-Zwieten. Il-**Pantomima Annwali** tiegħu ġibdet numru kbir ta’ udjenza miż-Żejtun u rħula oħra. Kien hemm ix-xewqa minn diversi persuni u s-surmast ta’ l-iskola li din il-Pantomima tidħol fil-programm annwali tagħna u tal-iskola. Grazzi tmur lis-**Sur Edmond Pace, is-Surmast tal-Iskola Primarja B taż-Żejtun u lil Ms. Valerie,** li reġa’ tana ċ-ċans naħdmu fl-iskola tiegħu. Din is-sena saret fis-27, 28, 29 u 30 ta’ Diċembru 2023 fejn nista’ ngħid li kull ġurnata kienet *fully booked.* Diversi tfal ħadu gost li ħadu sehem f’din il-Pantomima.



Din is-sena wkoll, għal darb'oħra, Andre' tella' żewġ **Teatrini,** wieħed f'April **fl-istitut Ġesu' Nazzarenu,** fejn kellna **In-Nanna Ċetta Qalet Daqqa ta' Banketta,** u teatrin ieħor fil-beraħ ġewwa **l-Amfiteatru ta' Ġnien San Girgor** f'Lulju 2022 bl-isem **L-Istorja Kif Jien Iltqajt man-Nanna,** fejn kellna udjenza tajba ħafna.





## Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun



Din is-sena wkoll, għandi l-pjaċir inkompli ngħid li l-ħolma tiegħi saret realta', fejn diversi tfal attendew fil-**Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun**. Hawn nixtieq ngħid ukoll li ċ-ċentru tagħna laħaq livell għoli, li dan qed jiġi apprezzat minn kulħadd, kemm mid-Dipartiment Edukattiv, kif ukoll dak Soċjali. Dan kien proġett ambizzjuż, li l-għan tiegħu kien li jkun post ta' għajnuna għal dawk in-nisa u l-irġiel li jixtiequ jħallu lit-tfal tagħhom f'post ċentrali sigur u sabiħ sakemm huma jkunu jistgħu jkomplu bix-xogħol jew bl-istudju tagħhom.

Kienet is-sena 2014 meta ftaħna għall-ewwel darba ċ-ċentru tagħna. Bis-sistema *free child care* u bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, diversi ġenituri qed jibbenifikaw minn din is-sistema u dalwaqt tkun għal dawk it-tfal l-oħra li l-ġenituri tagħhom ma jaħdmux. Dan iċ-ċentru qed iħalli madwar **€36,000 dħul fis-sena lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun**. Jien bħala *manager* taċ-ċentru, fuq bażi volontarja, nħossni kburija li bqajt naħdem fuqu b'qalbi kollha wara dawn it-tfal u l-ħaddiema tiegħu. Kienet sena oħra ta' suċċess.

Dan il-*Child Care Centre* qed jitmexxa mill-Fondazzjoni u l-Bord, li jiena *Manager* tagħha fuq bażi volontarja wkoll. Illum iċ-Ċentru qed jilqa' madwar 41 tifel u tifla u jħaddem 9 nisa, 2 fuq bażi *full time* u 7 *part timers*.

Min-naħa tiegħi wkoll, nieħu ħsieb il-pagi, tmexxija u l-*accounts* tiegħu fejn dan jirrikjedi ħafna xogħol u sigurtà fl-andament tiegħu biex jibqa' jirrendi dħul tajjeb għall-kunsill lokali tagħna. Dan kollu qed isir fil-ħin liberu tiegħi.

Din is-sena wkoll, minkejja kollox, b'wiċċi minn quddiem ngħid li ħrigt b'unuri kollha għax għal sena oħra kienet suċċess u qed jitmexxa b' mod tajjeb u trasparenti kif kien mit-twaqqif tiegħu mis-sena 2014. Din is-sena, f'Novembru 2024, ser niċċelebraw l-għaxar snin mit-twaqqif tiegħu.

## Familja

Il-familja wkoll għandha posta fil-ħidma tiegħi. Hawn ma naqqsux l-attivitajiet matul is-sena li kienu:

- Diversi Korsijiet għal kulħadd.
- *Recreation Activities - Weekend Breaks.*
- Mixjiet fil-Kampanja.
- Jum il-Mara.
- Jum l-Omm .
- Jum il-Missier.
- Żjarat f'diversi postijiet ta' interess.

- Diversi *films* u *coffee breaks.*
- Għajnuna Soċjali.
- Ġurnata *Etna Land* ġewwa Sqallija.
- Ġurnata *shopping* ġewwa Catania, Sqallija.
- Ġurnata oħra ħarġa Kulturali ġewwa Sqallija.
- Ġurnata Kemmuna fuq il-*Horn Blower.*
- Żjara Kulturali.
- Żjarat ġo Għawdex fis-Sajf u fix-Xitwa.
- Żjarat lill-Anzjani.



Għal darba'oħra organizzajna ***Cruise* fuq l-*MSC World Europa*** għar-residenti Żwieten. Kienu diversi persuni li attendew u ħadu gost tant li talbuni biex nerġa norganizza ieħor għas-sena 2024.

## Ċentru Arti u Artiġjanat




L-Għaqda Folklor, Storja, Arti u Artiġjanat taż-Żejtun, għal darb'oħra, kompla fejn diversi għalliema fl-artiġjanat, għannejja, kittieba, atturi u oħrajn, qed jagħtu kontribut liż-Żejtun f'diversi okkażjonijet flimkien, biex ikomplu jsaħħu l-identita' tagħna ż-Żwieten. Aħna nieħdu sehem attiv ħafna waqt Żejt iż-Żejtun ukoll.

Bdejna wkoll diversi korsijiet ġodda tal-ġenituri u t-tfal tagħhom fiċ-ċentru, u llum tant kibru li qed jattendu matul il-ġimgħa kollha.

Minn dan iċ-ċentru ukoll qed nagħti s-sehem tiegħi biex jitqassam l-ikel tal-*Fead* lil diversi nies vunerabbli miż-żoni tagħna.





## GAL Xlokk

Għal diversi snin, bħala **membru fil-*Board* GAL Xlokk,** qed nagħti s-sehem tiegħi favur xogħol fejdieni għaż-Żejtun u ż-Żwieten. Kienu diversi proposti fit-tfassil tal-miżuri ġodda fil-pjan ta' strateġija dwar Regoli Operattivi għall-programm 2023-2027 sabiex issir referenza fis-sottomissjonijiet. Jiena nieħu ħsieb ukoll li nara li kemm il-Kunsill u għaqdiet oħra fiż-Żejtun jieħdu fondi mill-GAL Xlokk. Jien inkun esposta wkoll biex ngħin lil min jitlob l-għajnuna tiegħi għal xi proġetti fil-lokal tagħna.

## Żejt iż-Żejtun - 17 -il Edizzjoni

Attivita' oħra Żejt iż-Żejtun kienet suċċess ieħor għas-17 -il darba. Jien ħdimt bla waqfien bħala l-organizzatriċi tagħha fuq din il-festa folkloristika mfittxija miż-Żwieten u l-Maltin kollha. Nista' ngħid li minn xhur qabel, ikolli diversi talbiet sabiex diversi nies jieħdu sehem. Din saret festa Nazzjonali, tant li anki minn barra minn Malta jkollna respons tajjeb ħafna. Din is-sena wkoll, għal darba'oħra, kellna 17 -il kumpanija Folkloristika barranija, li ħadu sehem f'dan il-festival ma' diversi għaqdiet oħra Maltin. Din is-sena, barra żewġ bandalori oħra ġodda biex issa hemm 4 b'kollox, jien għamilt 'il fuq minn 60 manuċċa bil-*plastic* li sebħu d-dħul taż-Żejtun. Nista' ngħid li kienet suċċess ieħor bis-sehem tal-għaqdiet Żwieten kif ukoll is-sehem tat-tfal tal-iskejjel tagħna.







## Għeluq

Fil-qosor tajt ħarsa ħafifa lejn l-attivitajiet tiegħi għal din is-sena. Sena oħra b'ħidma kbira b'risq iż-Żwieten. Grazzi mill-ġdid lis-Sindku, lil sħabi l-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv, Anton Falzon, Angelo, Reuben, Stefan, Marthese, Ann Marie, Jesmond, Mary Kay u l-ħaddiema manwali għall-għajnuna tagħhom. Ngħid grazzi wkoll għall-fiduċja li dejjem sibt mis-Sotto Kumitat tiegħi, diversi ġenituri, għalliema, *leaders* u *helpers* oħra fil-*Kids Club* kif ukoll liż-Żwieten kollha.

J'alla din is-sena tkun aħjar minn din li kellna.

***Grazzi lil kulħadd.***
***Joan Agius***
***Viċi Sindku***

# Amanda Abela

Id-dekasteri li jiena responsabbli minnhom huma:

- Il-*policy* tal-ilma.
- L-Eko Konformita'.
- In-negozju u l-kummerċ.
- Il-liċenzji tal-ħwienet.
- Il-promozzjoni tan-negozji.

Din is-sena kienet waħda fejn bdejna nerġgħu lura għan-normalita' fejn dan kien ifisser li bħala Kunsill erġajna bdejna l-ħidma u l-attivitajiet fost ir-residenti.

Matul din is-sena ta' ħidma aċċertajt li nwassal l-ilmenti kif ukoll is-suġġerimenti tar-residenti tal-lokalita' taż-Żejtun.

# Gesmond Baldacchino

## Introduzzjoni

Dan huwa r-rapport annwali għas-sena 2023.

## Parkeġġi għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u diżabilita'

Wieħed mid-dekasteri li ġejt inkarigat minnu huwa l-parkeġġi għal persuni bi bżonnijiet speċjali u diżabilita'.

Ta' min wieħed jgħid li dan il-qasam huwa delikat ħafna minħabba li fih iffaċċjajt persuni, min b'diżabilita' severa u min b'anqas, li huwa żgur li huma nies vulnerabbli fis-Soċjeta'. Meta nara l-bżonnijiet tan-nies sabiex inkun nista' nevalwa, li aħna bħala Kunsill Lokali obbligati li nagħmlu minn entitajiet Governattivi, bħal Transport Malta, stajt nidħol fiż-żarbun tal-individwu u stajt inkun iktar preċiż fir-rapport li ridt inħejji. Id-deċiżjonijiet kienu varji min-naħa ta' Transport Malta, pero l-maġġoranza tal-każi marru favur ir-resident. Kellna wkoll deċiżjoniet, li anke wara li assistejna lill-individwu għall-appell, dawn ġew riveduti mid-deċizjoni li kienu marru kontra. Meta jiġi approvat parkeġġ u jsir, ikun hemm ukoll residenti li joġġezzjonaw. Din is-sena, ċertu nies li huma vulnerabbli u fil-pussess tal-*Blue Card u Special I.D.*, kellhom talbiet ma' T.M. sabiex jinħarġilhom il-parkeġġ personalizzat. Din qiegħda toħloq problema peress li l-kaxxa l-bluna qed tkun aktar ristretta.

Aħna, bħala Kunsill, noqogħdu attenti ħafna sabiex innaqqsu kull inkonvenjent, pero wieħed irid jifhem li sabiex dik il-kaxxa riservata tkun saret, kien hemm proċess ta' skrutinju li ma jħares lejn wiċċ ħadd sabiex din issir. Dan hu proċess twil li jibda mill-Aġenzija Sapport li fih ikun hemm rapport dettaljat mediku u rapport min T.M. *(Transport Malta).*






## Ħarsien tal-Ġonna Pubbliċi

Responsabbilta' oħra f' idejja hija s-sorveljanza għall-ħarsien ta' Ġonna Pubbliċi li għandna ġewwa ż-Żejtun fosthom:

- Ġnien il-Qawsalla.
- Ġnien Brejġu.
- Ġnien iċ-Ċrieki.
- Misraħ Mikiel Anton Vassalli.

Xi ġonna pubbliċi jinkludu wkoll *playing fields,* li dawn jirrikjedu manutenzjoni u ħarsien, l-aktar wara li jsiru xi atti vandali minn xi individwi rresponsabbli. Għalhekk, jien nieħu ħsieb li dawn jinżammu fi stat tajjeb u nadif, speċjalment meta s-siġar tal-madwar jibdew iwaqqgħu l-weraq staġjonali. Il-manutenzjoni tirrikjedi wkoll d-dawl pprovdut għal meta jidlam.

Grazzi speċjali tmur għall-ġardinara li ġew ingaġġati magħna bħala Kunsill għaliex bis-saħħa tagħhom il-manutenzjoni qiegħda ssir aktar regolari u ta' spiss.



Din is-sena wkoll bħala parti mill-kundizzjonjiet tal-ERA , bħala Kunsill iggwadajna 40 siġra li huma: 20 siġra taż-żebbuġ u 20 siġra ta' Ġuda. Grazzi lil *Projects Plus Limited* li għażlet liż-Żejtun sabiex tkun tista' tikkompensa għal erbgħa siġriet li kellhom jitneħħew sabiex ikunu jistgħu jamministraw l-ewwel proġett f'Malta fi ħdan ic-*Civil Protection Department* bħala *Fire Station* fuq sistema ta' ***seismic building*** ġewwa l-Floriana. Dawn ġew imħawwla fi Triq il-Qadi kantuniera ma' Triq l-Isqof Emmanuel Galea.




Nieħu ħsieb ukoll li dawn is-siġar isirilhom ż-żbir meħtieġ sabiex is-siġar jinżammu fl-istat li jixirqilhom u fl-istess ħin jagħmlu x-xogħol bżonnjuż li jipprovdu lill-ambjent. Huwa xieraq ukoll li r-residenti li jiddeċiedu li jqattgħu ftit ħin liberu f'dawn il-postijiet, ikunu adattati sabiex jirrilissaw mingħajr l-ebda periklu għal min jiffrekwentahom. Proċess li jieħu l-ħin u jeħtieġ superviżjoni sabiex iż-żbir isir kif suppost. Aħna bħala Kunsill nieħdu l-opportunita' minn żmien alternattiv li ċertu żbir f'toroq li huma vulnerabbli għat-traffiku, bħal per ezempju, parti minn Vjal il-25 ta' Novembru quddiem l-HSBC, naddattaw iż-żbir fil-ġimgħa tal-festa. Dan minħabba li f'dan il-perjodu, parti minn din it-triq tkun magħluqa peress li f' Misraħ Karlu Diacono jkun qiegħed jintrama in-nar tal-art u b'hekk l-aċċess għal din it-triq ikun ristrett u kważi magħluq.



## Sorveljanza tal-Latrini Pubbliċi

Dekasteru ieħor li nieħu ħsieb huwa dak tas-sorveljanza tal-latrini pubbliċi.

Fiż-Żejtun għandna 3 latrini pubbliċi li jinsabu:

- Ġnien l-Għannejja (Ġnien San Girgor).
- Misraħ is-Suq.
- Misraħ ir-Repubblika (fil-pjazza taħt iz-zuntier, maġenb il-Knisja Parrokjali).

Nissorvelja li l-latrini ta' Ġnien San Girgor u Misraħ is-Suq jinżammu fi stat nadif u adattat sabiex il-pubbliku jkun jista' jinqeda bl-aħjar mod t'iġjene, filwaqt li l-latrina ta' Misraħ ir-Repubblika qiegħda taqdi sew il-bżonnijiet tal-pubbliku li jiffrekwentawha.

B'dispjaċir ikolli ngħid li minn żmien għal żmien, jinbtu gruppi ta' nies li ma jagħmlux ġieħ lis-Socjeta' tagħna peress li dawn jiġu u jqumu bil-vandaliżmu li jwettqu u li wieħed ma jimmaġinax li għad fadal nies irresponsabbli ta' din il-kwalita'.



Il-Latrina tas-Suq b'sodisfazzjon issa miexja ġmiela, għalkemm iddiżappuntat bir-ritmu u ħin li din qiegħda tieħu sabiex tkun aċċessibbli għall-pubbliku inġenerali. Nittama li x-xogħlijiet relatati ma jieħdux ħafna fit-tul sabiex innaqsu kull inkonvenjent.

## Is-Suq fil-Beraħ

Għalkemm dan id-dekasteru tas-Suq fil-Beraħ mistenni li jgħaddi f'idejn il-Gvern imminenti, xorta waħda għamilt żjarat fuq il-monti sabiex nisma' problemi li jiffaccjaw ta' kull nhar ta' Erbgħa l-bejjiegħa. Ikun hemm ukoll ilmenti minn nies li jiffrekwentaw dan il-post. Għalkemm mhux dejjem ikun possibli li l-problemi li jiġu mressqa jkunu sostnuti, dejjem nippruvaw insibu kompromess sabiex wieħed isib is-soluzzjoni flimkien. B'sodisfazzjon ngħid

li dejjem irnexxielna nsibu kompromess u dejjem għamilna ħilitna sabiex bħala Kunsill ma nħallux firda u inkwiet tinżera' bejn il-bejjiegħa.





## *Housing Estates*

Dekasteru ieħor li nieħu ħsieb huwa dak tal-*Housing Estates*, fejn fiż-Żejtun għandna 3 żoni li huma: Ġebel San Martin, Qasam ta' Ħal Tmin u Qasam ta' Ganza.

B'dispjaċir ninnota li l-bżonnijiet u x-xewqat tar-residenti fil-*Housing Estate* mhux dejjem ikunu milqugħa u ndirizzati mid-Dipartiment tal-*Housing* minħabba l-burokrazija li teżisti. Ċertu blokok li jeħtieġu manutenzjoni kbira fil-*lifts* qed jiffaċċjaw problemi kbar. Għalkemm bħala *estates* huma f'idejn id-Dipartiment tal-*Housing,* min-naħa tal-Kunsill dejjem nippruvaw inkunu ta' għajnuna għar-resident u nservu bħala punt ta' referenza sabiex dejjem niffaċilitaw il-ħajja tar-resident.

Riċentament, il-lift ta' Binja Minżel saritlu bidla radikali sabiex mill-ġdid sar funzjonabbli.

## Konklużjoni

Barra minn dawn l-affarijiet fdati lili mis-Sinjura Sindku, Doris Abela, dejjem nipprova nkun ta' għajnuna għaċ-ċittadin Żejtuni f'dak li jkollu bżonn. Dan kollu jsir sabiex b'sinerġija ma' sħabi l-Kunsillera kollha, ngħinu lil xulxin sabiex nippruvaw nagħmlu l-ħajja tal-poplu Żejtuni aktar faċli u rispettabli.

Fl-aħħar nett nixtieq ngħid li jiddispjaċini ħafna għat-telfa tal-wisq maħbuba, Marthese Zahra, skrivana ħabbrieka u dejjem bi tbissima. Nirringrazzja mill-qalb lis-Sindku Doris Abela, li dejjem sibtha ta' għajnuna u ta' spalla għalija, min-naħa tiegħi dejjem irreċiprokajt l-għajnuna u l-lealta' mistħoqqha lejn is-Sindku.

F'dan l-aħħar rapport tiegħi, fi ħdan il-Kunsill għal din il-leġislatura, nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, Anton Falzon, kif ukoll l-istaff kollu tal-Kunsill Lokali flimkien mal-ġardinara u l-ħaddiema manwali tal-għajnuna u l-koperazjoni li dejjem sibt minnhom; u minn hawn, b'umilta' niskuża ruħi jekk xi darba nqast lil xi ħadd mill-kollegi kunsilliera.

# Dorcas Camilleri

## Introduzzjoni

Għaddiet sena oħra. Bħal kull sena oħra ma kinitx waħda faċli, iżda meta tkun determinata f'dak li qed tagħmel wieħed ikun kapaċi jegħleb l-ostakli u ma jaqtax qalbu minn dak li jemmen fih. Għalhekk, fid-8 ta' Ġunju 2024, jien ser inkun qed nerġa' nikkontesta għall-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan għaliex nemmen li baqa' ħafna x'nagħti għar-raħal twelidi. Minn qalbi nixtieq nawgura lill-kandidati li huma diġa' approvati u li fil-preżent diġa' qed jiffurmaw parti mill-Kunsill Lokali. Nixtieq nieħu wkoll l-opportunita' li nawgura lill-kandidati l-ġodda. Minn qalbi nawguralkom ilkoll kull suċċess. Għalhekk, dan ir-rapport ser ikun l-aħħar wieħed tul din il-leġislatura.

Bħala Kunsilliera responsabbli mill-Anzjani, Persuni bi bżonnijiet speċjali u mill-Edukazzjoni, hawn taħt qed nippreżenta l-attivitajiet li saru matul is-sena 2023.

## Festin tal-Karnival

Il-Ħadd, 19 ta' Frar 2023, jiena flimkien mal-Viċi-Sindku, is-Sinjura Joan Aguis, organizzajna festin tal-Karnival b'risq it-tfal ta' 'Smiling With Jerome'. Kien festin tassew ħelu. Dan il-festin kien ta' sodisfazzjon kbir għalina għax it-tfal ħadu ħafna gost. Waqt dan il-festin, il-ġenituri wkoll ipparteċipaw. Barra minn hekk kienu wkoll grati għal dak li għamilna b'risq it-tfal.









## L-Għid il-Kbir

Bħal kull sena oħra, fi żmien l-Għid żammejt it-tradizzjoni li jitqassmu l-figolli lir-residenti u lill-'carers' ta' Fondazzjoni Nazareth, residenti li jinsabu fit-tliet idjar differenti. Minkejja li hija xi ħaġa żgħira, ir-residenti dejjem ikunu qed jistennew li jiġu mqassma.



## Klassijiet ta' Reviżjoni

Bħal kull sena, fis-Sajf saru l-klassijiet tar-reviżjoni. Din is-sena kellna madwar 40 student li attendew dawn il-lezzjonijiet. Dawn il-lezzjonijiet saru għall-istudenti tat-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt sena tal-primarja. Din is-sena, kellna wkoll inżidu l-ħinijiet għax kien hemm rispons kbir għal dawn il-lezzjonijiet. Minn hawn, nixtieq nirringrazzja lill-għalliema, Ms. Rachel Grima, tas-servizz u d-dedikazzjoni tagħha.



## Librerija Ġużeppi Pulis Montebello

Sfortunatament, is-sena l-oħra l-librerija spiċċat b'kamra waħda biss. B'hekk issa spiċċajna li l-ispazju huwa aktar limitat milli oriġinarjament kien. Ovvjament nittama li tiġi opportunita' li jsir xi investiment biex jerġa' jkollna dak li jistħoqilna u li hu xieraq għall-qarrejja tagħna. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sinjura Myriam Marsh tas-servizz tagħha.

## Aqra Miegħi / *Read with Me*

B'kollaborazzjoni mal-Agenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, għal din is-sena komplew bil-programm ta' qari 'Aqra Miegħi/*Read with Me'* fil-lokalità tagħna. Is-sessjonijiet bdew isiru darba f'ġimgħa fi Ġnien L-Għannejja Żwieten kull nhar ta' Erbgħa bejn id-9:30 u l-10:30a.m. Grazzi tmur għal għalliema li jkunu qed janimaw dawn is-sessjonijiet.




## Servizz tal-Pulizija

F'Ottubru li għadda b'kollaborazzjoni mal-iskola Primarja B, ġiet organizzata mixja b'risq il-Pink October mill-iskola msemmija sal-'Family Park' ta' Marsaskala. Sabiex din il-mixja tkun sigura bħala Kunsill ipprovdejnilhom is-servizz tal-pulizija tat-traffiku.




## Festa Santa Katarina

Din is-sena, iż-żewġ skejjel Primarji għamlu festa għat-tfal ta' Santa Katarina. Huwa sabiħ li nkomplu nrawmu fit-tfal b'dawn it-tradizzjonijiet, biex b'hekk jibqgħu aktar jissaħħu. Tul dawn il-festi, l-istudenti kellhom l-opportunita' li jesperjenzaw il-festa interna kif ukoll dik esterna.



L-iskola Primarja B tawni l-opportunita' li bħala Kunsilliera stajt nistieden lir-residenti ta' Fondazzjoni Nazareth kif ukoll lir-residenti tad-Dar tal-Anzjani. Sfortunatament, minħabba li t-temp ma ppermettiex, il-quddies saret ġewwa s-sala tal-iskola u r-residenti ta' Fondazzjoni Nazareth m'attendewx. Għalhekk, ġew biss xi residenti mid-dar tal-anzjani.



## Vawċers tal-iskejjel

Fi żmien il-Milied, iż-żewġ skejjel Primarji taż-Żejtun, ġew mogħtija l-ammont ta' €200 f'vawċer mingħand *EduRomp* f'isem il-Kunsill Lokali. B'hekk, ingħataw l-ammont ta' €400 liż-żewg skejjel tal-Primarja fiż-Żejtun. B'dawn il-flus, l-iskejjel ingħataw aktar għajnuna biex jinxtraw diversi materjali edukattivi biex b'hekk inkomplu nsaħħu t-tagħlim ta' uliedna.





## Konklużjoni

Minkejja li ma kinitx sena faċli, xorta waħda bqajt naqdi dmiri għall-ġid tal-komunita' Żejtunija. Minn qalbi, nixtieq niringrazzja lill-familja kollha tiegħi tas-sapport kontinwu u talli dejjem kienu hemm għalija. Grazzi lil dawk il-kollegi li kienu viċin tiegħi u li qatt ma ħallewni naqta' qalbi. Fl-aħħar u mhux l-inqas, grazzi lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll lill-ħaddiema kollha tal-għajnuna tagħhom tul din is-sena.

# Sean Chircop

## Introduzzjoni

Din kienet il-ħdax -il sena tiegħi bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Wara li fis-snin li għaddew ma tantx stajna nagħmlu attivitajiet minħabba l-limitazzjonijiet tal-pandemija li kien hemm, nista' ngħid li din is-sena rrankajna sew u kienet sena oħra impenjattiva f'dawk li għandhom x'jaqsmu ma' xogħlijiet relatati mat-Taqsima tal-Kultura, l-Istorja u t-Turiżmu.

Barra l-attivitajiet tas-soltu, din is-sena rajt li niffukkaw aktar fuq affarijiet tanġibbli, biex jibqgħu jitgawdew u jagħtu l-frott fis-snin li ġejjin, fejn ħriġna bi proġetti u ideat ġodda. Ma nistax nibda dan ir-rapport ta' ħidma billi ma nirringrazzjax lis-Sindku, li matul din is-sena erġajt sibt għajnuna kontinwa mingħandha, kif ukoll grazzi lill-membri u l-istaff kollha tal-Kunsill, fejn bis-saħħa tal-għajununa u l-koperazzjoni tagħhom qed jirnexxili nwettaq dan ix-xogħol. Nixtieq nirringrazzja wkoll għal darb'oħra lill-għaqdiet Żwieten, il-Parroċċa taż-Żejtun, kif ukoll numru ta' Żwieten, li dejjem urew l-koperazzjoni tagħhom għal kull għajnuna li kelli bżonn minnhom biex tkun tista' tittella' xi attività u titwettaq idea.

## Is-Sit u l-Paġna tal-*Facebook*

Ħadt ħsieb li s-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, *www.zejtunlocalcouncil.com*, matul is-sena jibqa' jiġi aġġornat b'dak kollu li jkun qed iseħħ fil-Kunsill Lokali. Matul is-sena, eluf ta' Maltin qed jidħlu f'dan is-sit biex ifittxu informazzjoni utli, kif ukoll informazzjoni fuq l-istorja u l-kultura taż-Żejtun. Qed jintuża wkoll mit-tfal għall-proġetti, hekk kif is-sit issa qiegħed bil-Malti wkoll.

Ħadt ħsieb ukoll li ta' kull ġimgħa nkompli naġġorna l-paġna uffiċjali tal-Kunsill Lokali fuq facebook, ***'Kunsill Lokali Żejtun - Żejtun Local Council'*****,** biex qed tkun avviżiera aktar qrib il-poplu Żejtuni. Numru kbir ta' nies qed isibu din il-paġna wkoll utli, fejn hemm kważi 6,500 utent li jżurha b'mod regolari.

## Numru ta' Proġetti ta' Restawr

Wara li l-Ministeru tal-Kultura fetaħ l-applikazzjoni għall-proġetti tar-restawr, is-sena li għaddiet ħadna ħsieb biex napplikaw għar-restawr tal-**Kappella ta' San Klement**. Dan il-proġett ġie magħżul u bħalissa ninsabu fl-aħħar fażijiet biex wara r-restawr li sar mid-Direttorat tar-Restawr, issa din il-Knisja tista' tkun terġa' titgawda mill-pubbliku.





Din is-sena ħadna ħsieb ukoll biex ikun jista' jibda l-proċess tar-restawr fuq il-pedistall tas-**Salib tal-Pjazza**, li jfakkar ġrajja importanti fl-istorja ta' beltna. Dan ir-restawr seta' jsir bil-fondi miksuba mill-*Corporate Social Responsibility* immexxija mill-INDIS. Ir-restawr sar minn Lapis Curet. Is-Salib se jkun qed jiġi inawgurat fil-bidu tar-Randan.



Fl-2023 applikajna wkoll biex isir ir-restawr tal-faċċata tal-**Ġnien Botaniku tal-Kmandant** u l-istess proġett ġie magħżul biex ix-xogħol tiegħu jsir permezz tal-iskema ta' restawr, *Measure 1*, tal-fondi LEADER tal-Unjoni Ewropea mħaddma mill-Fondazzjoni GAL Xlokk. Għal dan il-proġett, ksibna €20,000 f'fondi. Wara li ħareġ it-tender, qed nistennew li jibda x-xogħol ta' restawr fil-ġimgħat li ġejjin.



Matul din is-sena, sar ukoll ir-ristruturar tal-**Kappella ta' Santa Marija tal-Ħlas**, fejn saret minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Issa qed nistennew biex wara li din il-Kappella ġiet msaħħa, inbnew id-dniefel, reġa' sar id-deffun tal-bejt u saru mill-ġdid l-imwieżeb u ma għaddiex ikkundata, ikun hemm il-fondi wkoll għar-restawr tagħha. Matul din is-sena, bħala Kunsill Lokali, tajna l-għajnuna kollha tagħna biex ikun jista' jsir ir-restawr fuq il-**Kappella tal-Ispirtu s-Santu u l-Kunvent tas-Sorijiet ta' Ulied il-Qalb ta' Ġesù**, li kienet l-iskola l-qadima taż-Żejtun.







## Ħarsien ta' Binjiet Storiċi u l-Karattru tat-Toroq

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali kompla jieħu ħsieb il-karattru taż-Żona Urbana ta' Konservazzjoni fejn jiġu evalwati l-permessi biex tinġibed attenzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-valur arkitettoniku u storiku ta' dawn il-binjiet. Bħala Kunsill qed inresqu t-talbiet tagħna biex numru ta' kappelli u binjiet storiċi jiġu skedati u ż-żona ta' madwarhom tibqa' tiġi rrispetata. Minn hawn, nirringrazzja lill-Awtorità tal-Ippjanar li kemm -il darba qed tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-Kunsill Lokali fuq diversi proġetti li jkunu proposti għaż-Żejtun.

# Attivitajiet Kulturali

## Żmien ir-Randan

Fit-30 ta' Marzu, Lejliet id-Duluri, b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa taż-Żejtun u l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, tellajna kunċert ta' mużika sagra fil-Knisja Parrokkjali, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tar-restawr tal-urna tal-vara tal-Monument. Dak il-kunċert seta' jittella' bis-saħħa tal-fondi li ħadna ħsieb nużaw bil-għaqal fi żmien il-Milied.



Ħadna ħsieb li fid-daħla taż-Żejtun nagħmlu *billboard* ġdid biex jippromovi t-tradizzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa f'beltna.

Għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, reġa' sar il-fuljett, kemm bil-Malti u bl-Ingliż, biex jippromovi l-wirjiet u l-produzzjonijiet li jtellgħu għal dawn iż-żminijiet fiż-Żejtun. B'kollox kellna wirjiet f'9 postijiet differenti u flimkien mas-Sindku Doris Abela, żorna dawn il-wirjiet u produzzjonijiet.





Ir-rappreżentazzjoni ħajja tal-Aħħar Ċena, *Via Veritas et Vita*, li l-grupp ŻOEY konna tellajna fl-2018, ġiet addatata għar-radju, u nhar il-Ġimgħa l-Kbira xxandret fuq Radju Marija u radjijiet tal-komunità f'Għawdex.

## 19 ta' Marzu

Wara li fl-2020 sar ir-restawr tan-Niċċa ta' San Ġużepp fi Triq Marsaxlokk, baqgħet okkażjoni annwali li fid-19 ta' Marzu, flimkien mas-Sodalità ta' San Ġużepp, infakkru dan il-jum billi jitpoġġew il-fjuri quddiem in-niċċa.




## Il-Festa ta' San Girgor

Għall-festa ta' San Girgor, li saret fil-11 u t-12 ta' April, id-Direttorat tal-Kultura, bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, ħadu ħsieb li nerġgħu nagħtu l-ħajja l-festa tradizzjonali ta' San Girgor. Dan wara li kienet ilha tlett snin ma ssir minħabba l-pandemija.

Għall-okkażjoni, ġew imżejna t-toroq bil-bandalori, kien hemm is-sehem tal-banda għall-ewwel darba, sar is-suq tradizzjonali li jippromovi l-wirt kulturali intanġibli, u tqassmet b'xejn għall-ewwel darba il-ftira biż-żejt. Fostna kien hawn ukoll grupp folkloristiku mill-Kroazja. Għal din l-attività attendew mijiet ta' nies.



## Il-Manuċċa ttir maż-Żmien - 6 ta' Mejju, 2023

Din is-sena, fi żmien fejn is-soltu nfakkru l-anniversarju mit-Traġedja tal-Pjazza tat-2 ta' Mejju, 1942, ħadna ħsieb li flimkien mal-Kunsill Reġjonali Nofsinhar, intellgħu attività li tfakkar 5 avvenimenti storiċi marbuta mal-istorja taż-Żejtun u mhux biss it-Traġedja tal-Gwerra.



F'5 pjazez madwar iż-Żejtun ġew imfakkra dawn il-ġrajjiet:

- L-attakki tal-Assedju l-Kbir fuq iż-Żejtun.
- L-Aħħar Ħbit tat-Torok tal-1614 fuq iż-Żejtun.
- Iż-żjara tal-Gran Mastru de Rohan liż-Żejtun.
- L-għoti tat-titlu ta' Belt Beland liż-Żejtun mill-Gran Mastru Hompesch.
- Il-ġrajja tas-Salib tal-Pjazza fi żmien il-ħakma Franċiża, f'għeluq il-225 sena minn din il-ġrajja.
- It-traġedja tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq il-Pjazza taż-Żejtun.



Għal din l-okkażjoni saru diversi *reenactments* minn gruppi storiċi, kif ukoll inkitbu stejjer, poeżiji u għanjiet għall-okkażjoni. Saru wkoll *workshops* għat-tfal tal-Iskola Primarja A dwar kif għandha ssir manuċċa.



Din l-attività kulturali u artistika ġiet ukoll innominata għall-Premju għall-Arti u ġiet mal-aqwa ħames finalisti f'attività li saret fit-Teatru Manoel.



## Is-Serata ta' Ġieħ iż-Żejtun - 6 ta' Lulju, 2023

Matul din is-serata, bħas-snin imgħoddija, reġa' kien hemm il-**Konkors Letterarju Annwali** tal-Kunsill Lokali, li kull sena qed jieħdu sehem fih kittieba ġodda, fejn din is-sena kellna numru sabiħ fejn jidħlu kittieba u anki l-livell ta' kitbiet, 41 kitba. F'dan il-Konkors, ġew ippremjati l-aqwa rakkont b'Malti standard (li ntrebħet mis-Sa. Rita Saliba), u l-aqwa poeżija (li ntrebħet mis-Sa. Janice Caruana). Ingħata t-Trofew Frans Baldacchino (il-Budaj) għall-aqwa poeżija u għall-ħames darba ngħata t-Trofew Lino Psaila għall-aqwa silta bid-djalett Żejtuni, li ħaditu s-Sa. Rose Baldacchino. Il-kitbiet kollha li ħadu sehem ġew ippubblikati f'żewġ ktejbiet biex ikunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku. Din is-sena wkoll, se jiġu ppremjati xogħlijiet letterarji bl-istess format, din is-sena s-serata ser tittella' fid-19 ta' Marzu.



Dakinhar, ġiet onorata wkoll bil-midalja ta' Ġieħ iż-Żejtun, il-*First Lady* ta' Malta, is-Sa. Miriam Vella. Fl-istess serata, ingħataw ukoll unuri oħra ta' apprezzament, fejn ingħataw premjijiet speċjali lil 8 persuni fil-qasam tagħhom: il-Premju Anzjanità Attiva, lis-Sa. Rose Fenech u s-Sur Amabile Carabott, il-Premju Fjamma Żagħżugħa, lis-Sur Matias Cassar u s-Sur Jerome Carabott, il-Premju Sportiv tas-Sena lis-Sur Karl Attard u s-Sur Rodney Gatt, u l-Premju Ħarsien il-Wirt Kulturali, lis-Sur Manuel Zammit u l-Mro. Joseph Caruana. Waqt l-istess serata, ingħata wkoll l-ġieħ speċjali, Tisħiħ ir-Riċerka Akkademika lir-riċerkatur tal-arti, Dr. Sandro Debono.





Waqt is-serata, ingħataw ukoll tifkira ta' apprezzament lill-atleti kollha li ħadu sehem fil-Logħob tal-Istati ż-Żgħar tal-Ewropa li ttellgħu f'Malta.

Is-serata ttellgħet fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u kienet ippreżentata mis-Sur Jean Claude Gatt u bis-sehem tal-kantanta Michela Galea fejn annimat is-serata b'numru ta' kanzunetti bil-Malti.



## *Horrid History*

Fit-30 u l-31 ta' Ottubru, saret attività fiż-Żejtun flimkien mal-*Malta Chamber of Scientists* u l-organizzaturi ta' *Science in the City* biex ifakkru avvenimenti mill-istorja mudlama taż-Żejtun. B'kollox ittellgħu erba' produzzjonijiet artistiċi ta' teatru u żfin f'erba' nħawi differenti madwar iż-Żejtun:

- Nibnu Ħrafa f'Misraħ Santa Marija.
- *Potion in Motion* fis-Sala Ġużeppina Curmi.
- Assolutament Assedjati fiċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġjanat.
- Swali Msaħħra fil-binja tal-Kunsill Lokali.

Dawn l-attivitajiet, fit-30 ta' Ottubru filgħodu, ittellgħu għat-tfal tal-iskola, fosthom dawk taż-Żejtun, Ħ'Attard, l-Isla u n-Naxxar. Filwaqt li fil-31 ta' Ottubru filgħaxija, ittellgħu għall-pubbliku inġenerali.







## Il-Kunċert tal-Milied

Fit-30 ta' Diċembru ġie mtella' l-kunċert tal-Milied fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun fejn kellna fostna l-orkestra tal-Cappella Diacono u l-kor Mirabitur, fejn indaqqew u tkantaw diversi kompożizzjonijiet miktuba mill-kompożitur Żejtuni Carlo Diacono, li ħafna minnhom ilhom ma jinstemgħu fil-pubbliku għal għexieren ta' snin. Dan il-kunċert ittella' flimkien mal-*Malta Unesco Youth Association* (MUYA) b'għajnuna ta' fondi miksuba mill-iskema VOPS imħaddma mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS). Waqt l-istess, kunċert ġie ppubblikat ktieb dwar il-ħajja u x-xogħlijiet mużikali ta' Carlo Diacono li tqassam b'xejn lill-udjenza. Għall-kunċert, attenda l-President ta' Malta u s-Sinjura Vella.

Għal dan il-kunċert, tajna l-opportunità lil diversi mużiċisti żgħażagħ biex idoqqu għall-ewwel darba ma' orkestra ta' dan il-livell, fejn applikaw 17 -il mużiċist u fl-aħħar intagħżlu biex idoqqu 8 mużiċisti.



Flimkien mal-Parroċċa, waqt l-istess kunċert, saret animazzjoni mit-tfal tal-parroċċa biex titfakkar it-800 sena anniversarju minn meta sar l-ewwel presepju fl-Italja minn San Franġisk t'Assisi.



## 226 Sena - Belt Beland

Fit-30 ta' Diċembru, fil-Knisja Parrokkjali, qabel il-kunċert tal-Milied, ġie mfakkar ukoll il-226 sena anniversarju minn meta ż-Żejtun ingħata t-titlu ta' belt, Belt Beland. Din it-tifkira saret permezz ta' qari ta' rakkonti, poeżiji u siltiet mużikali fuq il-pjanu.

## Trofew Carlo Diacono

Matul il-Kunċert tal-Milied, normalment jingħata t-**Trofew Carlo Diacono** lill-aqwa bandist tas-sena taż-żewġ baned ewlenin taż-Żejtun. Is-sena li għaddiet it-Trofew Carlo Diacono f'isem is-Soċjetà Mużikali Beland ingħata lis-Sur Andrew Fenech u għall-Għaqda Banda Żejtun mar għas-Sur Luca Borg.

## Innu liż-Żejtun

Wara li s-sena li għaddiet għall-okkażjoni tal-225 sena anniversarju ta' Città Beland inkiteb l-Innu liż-Żejtun uffiċjali b'mużika ta' Mro. Ray Sciberras u kitba ta' Trevor Zahra, din is-sena dan li l-Innu ġie addatat għall-banda mill-Mro. Ray Sciberras u ġie rregalat liż-żewġ baned taż-Żejtun. Hekk kif kien oriġinalment inkiteb għall-orkestra. B'hekk, għall-festa ta' Santa Katarina, iż-żewġ baned ħadu ħsieb li jdoqquh it-tnejn li huma waqt il-kunċert li jittella' minnhom fuq il-planċier. Barra minn hekk, din is-sena ndaqq ukoll waqt il-Kunċert tal-Milied u waqt is-serata ta' Ġieħ iż-Żejtun.

## Turiżmu

Din is-sena komplejna nirreklamaw liż-Żejtun bħala destinazzjoni turistika biex inħeġġu aktar Maltin u turisti jżuru ż-Żejtun. Kif ukoll ingħatat l-għajnuna lill-gwiedi biex iġibu t-turisti ż-Żejtun. Barra minn hekk, permezz tal-ktieb u l-app tal-mobile Explore Żejtun, ħajjarna aktar studenti fit-turiżmu biex jagħmlu t-teżi tagħhom dwar il-potenzjal taż-Żejtun. Din is-sena, kelli ċans indawwar ukoll id-delegazzjonijiet li kien hawn fiż-Żejtun mill-Polonja, l-Italja u l-Palestina.

Saru laqgħat mal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar biex intellgħu l-isem taż-Żejtun aktar 'il fuq fil-qasam turistiku. Fosthom, ingħatat l-għajnuna biex ir-Reġjun tan-Nofsinhar ikun jista' joħroġ ktieb diġitali biex jippromovi t-turiżmu reliġjuż fiż-Żejtun. Bħalissa, qed isir proġett flimkien mal-*Malta Tourism Authority* (MTA) bl-isem *One Square Mile* li għażel liż-Żejtun bħala proġett pilota fin-Nofsinhar ta' Malta biex jirriklamaw irħula li m'humiex fuq il-mappa turistika.

## *Universal Peace Walk*

Bis-saħħa tal-għaqda XirCammini, għat-tieni darba, fit-12 ta' Marzu, saret il-mixja *Universal Peace Walk*, il-mixja oriġinali ta' San Girgor, mill-Imdina saż-Żejtun. Matul din ir-rotta, twaħħlu diversi tabelli, biex min irid ikun jista' jibda jimxiha waħdu. B'hekk, issa ż-Żejtun sar id-destinazzjoni finali ta' din il-mixja. Eżempju ta' din il-mixja hija l-*Cammino* fi Spanja. Għall-ewwel darba, f'Novembru saret ukoll il-mixja ta' Santa Katarina. Din is-sena, fl-għodwa tal-festa ta' San Girgor, se tkun qed issir il-mixja oriġinali mill-Katidral tal-Imdina saż-Żejtun.

## *The Artists of Zejtun* u Riflessi miż-Żejtun

Biex inkomplu nippromovu l-wirt intanġibbli li nsibu fiż-Żejtun, ħadna ħsieb li napplikaw għall-fondi tal-programm LEADER immexxi mill-GAL Xlokk, Miżura 3 għall-Promozzjoni tal-Wirt Kulturali.

Bis-saħħa ta' din il-miżura, ksibna €10,000 f'fondi biex inkunu nistgħu noħorġu żewġ kotba, **Rifessi miż-Żejtun** u ***The Artists of Żejtun.*** Fl-aħħar ta' Novembru, ħareġ il-ktieb 'Riflessi miż-Żejtun' li jittratta dwar it-tradizzjonijiet antiki li nsibu f'beltna, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu mas-settur tal-agrikoltura u l-ħajja tradizzjonali tal-lokal. Il-ktieb fih 35 kapitlu differenti u aktar minn 200 ritratt professjonali, miġbuda minn Charles Mifsud, li jitkellmu dwar tradizzjonijiet u nostalġiji, imkejjen madwar iż-Żejtun, bejjiegħa tradizzjonali, il-ħajja rurali, il-festi u r-ritwali tradizzjonali.

Fit-30 ta'Novembru, saret it-tnedija tal-ktieb fis-Sala tal-Kunsill Lokali bis-sehem ta' Trevor Zahra, Tony Cassar Darien, u l-Kunsilliera Stephanie Fenech.

Bħalissa qed naħdmu fuq il-ktieb *The Artists of Żejtun* permezz tal-fotografija minn Angelo Caruana u Joseph Lungaro.






## Ismijiet ta’ Toroq

F’dawn l-aħħar tliet snin bdejt nieħu ħsieb ukoll l-ismijiet tat-toroq u n-numerazzjoni tal-bibien. Il-prijorità tiegħi hi li l-ismijiet eżistenti ma jinbidlux, peress li dawn qed jirriflettu l-istorja ta’ beltna u missirijietna. Ħadna ħsieb li nagħtu ismijiet ġodda għal toroq bla isem f’Qasam Ħal Tmin, Qasam Ta’ Ganza kif ukoll fl-inħawi ta’ Ġebel San Martin.

Din is-sena komplejna naħdmu flimkien mal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq biex jingħataw numru ta’ bibien ġodda. Peress li ħafna djar qed jinbidlu f’kumplessi ta’ appartamenti, ikun hemm bżonn tibdil, fejn hawnhekk naraw li ma tantx jiġu effettwati nies.

Inbidlu wkoll numru ta’ tabelli tal-ismijiet tat-toroq.

## Tabelli

Mill-aħħar ta’ dan is-Sajf, is-Sindku kellha l-pjaċir li toffrili taħt id-dekasteru tiegħi wkoll ir-responsabbiltà tat-tabelli tat-traffiku li nsibu fiż-Żejtun, fejn mill-ewwel ħadt ħsieb nara x’tabelli kien ilhom jistennew li jinbidlu u bdejna norganizzaw aħjar l-ordnijiet u t-tibdil tat-tabelli. Fost l-ewwel tabelli li nbiddlu kien hemm dawk ta’ ħdejn l-Iskola Primarja u dik Sekondarja. Ġew implementati wkoll numru ta’ maniġjar tat-traffiku li kienu ilhom jistennew is-snin biex jiġu implimentati. Bħalissa, qed jinbidlu t-tabelli ta’ diversi żoni fiż-Żejtun, fejn sa issa saru l-inħawi ta’ Gwiedi, it-toroq ta’ madwar Triq Alfredo Cachia Zammit, it-toroq ta’ bejn Triq Santu Wistin u Triq l-Isqof Emm. Galea u l-inħawi rurali taż-Żejtun.




Saru numru ta’ tabelli tad-direzzjonijiet ġodda fejn ħadu dehra differenti u aħjar biex ikunu jistgħu jinftehmu minn kulħadd. Barra l-postijiet prinċipali, qed jiġi indikat ukoll x'jista' jsib wieħed f'dawk l-inħawi, fosthom: postijiet assoċjati mat-turiżmu, postijiet ta' akkomodazzjoni, *estates* assoċjati mal-inbid, il-mużew tal-parroċċa, postijiet storiċi u aktar.

Issa sar ukoll ftehim ma' *Instrastructure Malta* biex dawn it-tip ta' tabelli ma jibqgħux joħorġu mill-ispejjeż tal-Kunsill.

Din is-sena bl-għajnuna ta' *Infrastructure Malta*, ħadna ħsieb li jsiru diversi tabelli ta' direzzjonijiet ġodda fi Triq Xrobb l-Għaġin, Triq Strejnu, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Triq ir-Ramla, Triq Wied iż-Żiju, Vjal il-25 ta' Novembru u Triq Tal-Barrani.







## Għeluq

Hawn tajt ħarsa ħafifa lejn ix-xogħol li sar matul din is-sena u li kien ħaqqhom jissemmew. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sindku s-Sinjura Doris Abela, tal-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandha għal kull idea li xtaqt inwettaq matul din is-sena. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Kunsilliera sħabi kollha tal-koperazzjoni u l-għajnuna li dejjem sibt mingħandhom. Bla dubju ta' xejn, nixtieq ngħid grazzi kbira lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali, fosthom lis-Segretarju Anton Falzon, li jkun ta' għajnuna kbira matul is-sena biex kollox jitmexxa b'mod tajjeb f'kull attività, u lil Angelo u Reuben tal-paċenzja li jieħdu. Filwaqt li nixtieq nirringrazzja wkoll lil Stefan, Ann Marie, Jesmond u Mary Kay tal-għajnuna li sibt mingħandhom fil-ħidma tal-2023 kif ukoll lill-ħaddiema 'l oħra kollha tal-Kunsill, fosthom lil Lawrence u Clifford, li jkolli ħidma diretta magħhom. Nixtieq ukoll insellem il-memorja ta' Marthese Zahra, li dejjem sibt l-għajnuna tagħha fl-attivitajiet li norganizza u kienet wisq organizzata biex tieħu ħsieb il-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar, li għalkemm din is-sena kienet nieqsa fiżikament mill-binja tal-Kunsill, baqgħet tinteressa ruħha f'dak li jkun qed iseħħ iż-Żejtun.

Fl-aħħar u mhux l-anqas, nixtieq nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li nsib l-għajnuna tagħhom għall-attivitajiet varji, fejn għal kull attività nista' ngħid li hemm persuni partikolari li jagħtu l-kontribut tagħhom, iżda żgur ma nistax ninsa lill-familja tiegħi.

# Stephanie Fenech

## Introduzzjoni

Mhux faċli tikteb dak kollu li jsir matul sena sħiħa għax fil-verita' il-ħidma hija waħda kontinwa u dejjem naraw li tkun ta' sostenn veru għall-bżonnijiet varji tar-residenti fl-oqsma differenti. Kif tiġi biex tikteb tirrealizza kemm tkun vasta l-ħidma.

## Żgħażagħ

Pruvajna kemm jista' jkun biex inkunu ta' **sostenn għaż-żgħażagħ** fi żmien li kellhom jaffaċċjaw sfidi ġodda. Tajna diversi opportunitajiet lil żgħażagħ li ħadmu fuq proġetti ta' 20 siegħa volontarjat relatat mas-*Systems of Knowledge* kif ukoll sigħat rikjesti mill-MCAST. Rajna kif bħala Kunsill nibqgħu viċin u naraw kif inżommu kuntatt ma' żgħażagħ diversi anke dawk li jkunu qed jimirħu ġewwa l-ġonna u l-ispazji pubbliċi. F'Lulju, għall-okkażjoni ta' Ġieħ iż-Żejtun, onorajna żewġ żgħażagħ Żwieten oħra, Matias Cassar u Jerome Carabott, li spikkaw fuq livell internazzjonali fid-disinn u l-ħjata, u l-edukazzjoni fix-xjenza rispettivament. Prosit immens!

## Sport

Bqajna għaddejjin b'**sessjonijiet tal-attivita' fiżika** matul is-sena kollha u tajna l-aċċess biex jintuża kemm jista' jkun kemm l-ispazju miftuħ fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u anke fejn kien hemm is-sala li tinsab fl-istess ġnien għal sessjonijiet diversi, fosthom: *Zumba*, *fitness* għal etajiet differenti kif ukoll arti marzjali. Inkoraġġixxejna lir-residenti biex jibqgħu attivi sabiex l-individwu jibqa' anke mentalment san apparti fiżikament b'saħħtu.

Il-Ħadd, 5 ta' Marzu ġejna rappreżentati bħala waħda mit-tnax 'il lokalita' fit-tiġrija li saret għall-ewwel darba mir-Reġjun Nofsinhar. Il-lokal tagħna ġie assenjat in-numru 12 biż-żiemel *Ellington Dream* misjuq mill-ġerrej Charles Camilleri. Kollox kien favur tagħna għax *Ellington Dream* u s-Sur Camilleri irnexxielhom jirbħu t-tiġrija li biha ksibna ir-rebħ tal-ewwel *shield* li saret apposta għall-okkażjoni.

Ikkollaborajna mill-ġdid fil-ġbir ta' donazzjonijiet u tqassim ta' flokkijiet għall-**Mixja mal-President 2023** li ħadet xejra differenti dis-sena u nbidlu diversi fatturi li konsegwentament rajna tnaqqis ta' konkorrenza mill-pubbliku. Ikkollaborajna wkoll mal-Fondazzjoni *Alive* fejn f'Mejju lqajna lill-kontinġent kollu ta' ċiklisti ġewwa l-Pjazza, parti mit-taħriġ tagħhom u hemmhekk ingħataw donazzjonijiet personali b'risq il-proġett tagħhom għal aktar riċerka dwar il-kanċer. Kuntenta ħafna nara li kien hemm bosta Żwieten fost il-kontinġent, li dis-sena ħadu sehem b'suċċess f'din il-maratona barra minn Malta. Irrikonoxxejna diversi sportivi matul is-sena, fosthom lil Karl Attard u Rodney Gauci, li firxu b'mod internazzjonali fil-futbol u tiġrijiet taż-żwiemel rispettivament, kif ukoll onorajna lill-Klabb tal-Boċċi għar-rebħ tal-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni u promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni.




## Saħħa

Għal darb'oħra, il-**vaċċin staġjonali tal-influwenza** saret mill-Ministeru tas-Saħħa, kemm mill-Berġa tal-Komunita', kif ukoll mill-Poliklinika ta' Raħal Ġdid. Diversi persuni wieġbu għas-sejħa tal-Gvern biex kemm jista' jkun il-pubbliku jitlaqqam, u bħala Kunsill rajna li n-nies qed jinqdew kemm jista' jkun fil-lokal stess permezz ta' promozzjoni kontinwa fuq il-midja soċjali tal-Kunsill u fl-avviżi tal-quddies.

Kellna diversi żjarat mill-Bank tad-Demm ġewwa Misraħ Girgor Bonici permezz tal-*mobile unit*, inizjattiva li dejjem tintlaqa' tajjeb mir-residenti b'konkorrenza qawwija. Kellna wkoll diversi żjarat mill-istudenti tal-Fakulta' tas-Saħħa fejn taw pariri utli kif persuna tieħu ħsieb lilha nnifisha u lil ta' madwarha waqt il-pandemija, kif ukoll teħid ta' zokkor fid-demm, pressjoni u BMI. Fil-ġranet li ġejjin se nkunu qed nospitaw studenti mill-istess Fakulta' għal proġetti fil-komunita' bħala parti mill-*placement* tagħhom. F'Lulju 2023, ospitajna wkoll l-istudenti tad-Dentistrija permezz tal-*Mobile Dental Unit* fejn taw servizz bla ħlas ġewwa l-Pjazza taż-Żejtun, inizjattiva li kienet milqugħa ferm tajba mir-residenti tagħna.



Inizjattiva oħra marbuta mas-saħħa kienet sessjoni t'informazzjoni dwar il-Mediċina Ċiniza li ttellgħet f'Awwissu 2023, b'kollaborazzjoni mal-*Mediterranean Regional Centre for Traditional Chinese Medicine,* fejn matulha tobba Ċinizi spjegaw metodi varji ta' kura u rimedji għal bosta kundizzjonijiet, kif ukoll qassmu materjal u kampjuni biex dawk preżenti jippruvaw ġewwa djarhom.



## Trasport Pubbliku u Mobbilita' Alternattiva

Wara li konna applikajna b'suċċess għall-*European Mobility Week 2021* u rnexxielna niksbu €25,000 biex nixtru vann tal-elettriku biex jintuża għal **servizz ta' trasport interkomunitarju** għall-anzjani u persuni vulnerabbli, nistgħu ngħidu li finalment il-vann wasal. Wara ftehim iffirmat mal-Ministeru tal-Anzjanita' Attiva fid-19 ta' Diċembru 2023, dan il-vann se jkun qed jiġi utilizzat mis-*Silver T,* fejn se jingħata servizz kontinwu mit-Tnejn sal-Ġimgħa, kemm fil-lokal stess kif ukoll għal lokalitajiet oħra bħal: Ħal Għaxaq, Marsaskala, Birżebbuġa u għall-Poliklinik ta' Raħal Ġdid. Sakemm qed naħdem fuq dan ir-rapport, fi żmien 4 ġimgħat, l-istatistika qiegħda turi li dan il-vann għamel 121 vjaġġ rikjesti minn residenti Zwieten. Apparti li qed nipprovdu trasport meħtieġ, dan kien pass għaqli biex l-anzjani ikunu aktar mobbli u konsegwentament anqas karozzi użati fil-pjazza u fil-madwar.

## Fondi tal-Ewropa

Applikajna għal diversi proġetti tal-Ewropa, prinċipalment skambji u korsijiet fi ħdan l-*Erasmus Plus.* Kienet **sena oħra mimlija b'opportunitajiet** għax bosta minn dawn il-proġetti ġew approvati u rajna li jiġu attwati bosta minnhom li jirrekjedu safar barra minn Malta.

Komplejna u għalaqna b'suċċess proġett estensiv ieħor li kien ilu għaddej sentejn bl-isem *CulturALLA,* fejn rajna metodi kif aktar żgħażagħ ikollhom aktar aċċessibilita' għall-kultura permezz ta' metodi informali u logħob dwar it-tema. F'Marzu 2023, kellna mawra fir-Rumanija biex minn hemm nibdew il-fazi tal-egħluq tal-proġett bħala mseħbin. F'Settembru, kellna wkoll sensiela ta' sessjonijiet onlajn għal diversi żgħażagħ li ħadu sehem fi skambju virtwali ma' żgħażagħ oħra mill-pajjizi imsieħba. F'Ottubru 2023, varajna vidjow sabiħ b'mod parallelu permezz ta' *multiplier event* fil-binja tal-Kunsill Lokali kif ukoll fl-istess ħin permezz ta' *facebook.* Preżenti għall-egħluq, attenda wkoll il-Ministru Owen Bonnici li faħħar l-inizjattiva tal-vidjow, kif ukoll il-*board game* u l-*card game,* li ukoll saru permezz ta' dan il-proġett. Saru numru ta' dawn il-*board games* li qed jitqassmu lil diversi għaqdiet taż-żgħażagħ u kulturali fiż-Żejtun fosthom: *Girl Guides, Boy Scouts,* Wirt iż-Żejtun, *Forward,* eċċ. Proġetti bħal dawn, li permezz tagħhom tkun tista' toħloq inizjattivi li l-finanzjament tagħhom ikunu miksuba minn fondi tal-Unjoni Ewropeja, għandhom ikunu xprun ta' aktar ħidma f'dan il-qasam.



F'Ottubru 2023, grupp ta' 3 persuni, fosthom rappreżentanti miż-żewġ baned, Anton Aquilina u Melvin Seychell, flimkien ma' żagħżugħa miż-Żejtun, ippartеċipaw għal taħriġ ġewwa Sabbionetta l-Italja dwar kif wieħed japplika għal proġetti tal-*Erasmus Plus* u kif l-organizzazzjonijiet jistgħu jibbenefikaw minn fondi tal-Ewropa.

## Ħarsien u Kura tal-Annimali

Bqajna nagħtu s-sostenn tagħna favur il-ħarsien tal-annimali, speċjalment fuq qtates li jgħixu barra u sapport lil madwar 50 persuna reġistrati mal-Kunsill li jitimgħu dawn il-qtates *stray*. Ikkollaborajna magħhom fejn rajna li dawn jiffurmaw grupp sod bejniethom, li dan wassal sabiex flimkien irnexxielhom joħolqu *network* u organizzaw ukoll sensiela ta' attivitajiet u inizjattivi ta' *fundraising* biex ikollhom għajnuna finanzjarja għal mediċini u *vets*. Matul is-sena, ħadmu flimkien fuq *book sale*, ikliet żgħar, *Easter Egg Hunt* u anke jaraw kif jiġbru fliexken tal-BCRS kif ukoll pakketti ta' ikel, bħal *Kwiksave,* eċċ. Rajna kif kemm jista' jkun jibbenefikaw minn skemi li joħroġ il-Gvern Ċentrali għal *neutering* bla ħlas.

B'sodisfazzjon, qed naraw li bosta mill-qtates f'dawn il-kolonji qed jiġu msewwija, fejn dan jevita aktar żieda fil-qtates, kif ukoll inqas mard u problemi mediċi. Min-naħa tar-Reġjun

Nofsinhar, qed inkunu servuti min-numru ta’ ġimgħat matul is-sena mill-*Animal Welfare Officer,* li hu mpjegat u mħallas mir-Reġjun stess. Ackerley Pace jagħmel xogħol imprezzabli matul il-perjodu li jkun fiż-Żejtun, fejn jara li r-residenti jkunu dejjem mgħarrfa fuq id-drittijiet tal-annimali, dwar l-importanza li kelb jinħareġ b’ċinga u li l-ħmieġ jinġabar u jiġi mormi kif suppost. Jara wkoll kif jgħin lill-grupp *Zejtun Stray Cats* permezz ta’ *trapping* ta’ qtates diffiċli li jinqabdu, kif ukoll ikellem persuni li ma jkunux iridu jagħmlu *neutering* tal-kolonji tagħhom, b’konsegwenza li dawn jibqgħu jiżdiedu u jitkattar anke l-mard.

Il-Kunsill kien mistieden diversi drabi biex jitkellem dwar l-inizjattivi li ntellgħu f’dan il-qasam, fosthom: Vuċi għall-Annimali fuq Net TV u Ħej fuq l-istazzjon TVM. Attendejna wkoll għall-Fiera dedikata għall-klieb u l-qtates ġewwa l-Gzira, fejn għamilna promozzjoni għal dak li nagħmlu dwar dan il-qasam importanti. Tajna t-tislima tagħna b’dieqa lil waħda mill-klieb addottati Sindka, li flimkien ma’ Dante, huma ferm maħbuba mill-Kunsill u l-istaff kollu, speċjalment Stefan u miegħu anke Ċetta, li matul das-snin dejjem raw li jkunu miżmuma sew bla waqfien.

Bqajna ninsistu u naraw kif insibu rimedju għall-problema kbira li għandna bil-ħamiem selvaġġ fil-lokalita’. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, lejn l-aħħar tas-sena, waqqaf ħesrem l-iskema ta’ għalf kontraċettiv biex ma jibqax jitkattar. Qed niġu f’sitwazzjonijiet antipatki mar-residenti li għandhom raġun jilmentaw minn din il-problema u aħna marbuta fuq x’nistgħu nagħmlu.

## Ġemellaġġi u Relazzjonijiet Internazzjonali




Permezz ta’ fondi miksuba mill-*Europe for Citizens* taħt il-kappa ta’ *Town Twinning*, stajna nwettqu mawra ta’ 3 ijiem f’Avola fi Sqallija, mis-Sibt 29 t’April sat-Tnejn 1 ta’ Mejju. In-numru ta’ persuni li kien possibli jkollna kien ta’ 25 persuna, liema numru ġie mimli fi żmien ġurnata biss minn meta sar il-promozzjoni ta’ din l-inizjattiva u li ħallsu prezz issussidjat immens minħabba l-għajnuna tal-fondi ta’ dan il-programm. Ħdimna flimkien mas-SEM matul il-fażijiet kollha, kif ukoll mal-Kunsill Lokali ta’ Avola. Kienu 3 ijiem sħaħ interessanti ħafna, fejn stajna naraw l-importanza taż-żebbuġ, iż-żejt magħsur u l-metodi li jintużaw, il-biedja organika kif ukoll festi tradizzjonali u kulturali li jittellgħu f’Belt f’pajjiż viċin tagħna. Stajna nsegwu d-differenzi u s-similaritajiet u ddiskutejna flimkien mar-residenti tal-lokal u l-Kunsill Lokali, rappreżentati mis-Sindku Rossana Cannata. Iż-żewġ Sindki ffirmaw ftehim ta’ kollaborazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet, li ‘l quddiem naraw kif jista’ jiżviluppa f’aktar ħbiberija u prospett ta’ ġemellaġġ. Dan il-proġett ġie anke magħżul bħala *best practice Project,* fejn ġejna mistiedna mis-SEM biex nitkellmu dwaru f’konferenza iffukata fuq fondi Ewropej ġewwa l-lukanda *Phoenicia.*

F'Mejju, jiena u s-Sindku, ġejna mistiedna mis-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Celano, Settimio Santilli fl-Italja, biex inżuru l-Belt Taljana ġemellata magħna għall-kommemorazzjoni tat-800 anniversarju mid-distruzzjoni ta' Celano Antica minn Federiku II. Matul dawn il-ġranet, assistejna wkoll għall-iffirmar ta' ġemellaġġ bejn l-Assoċjazzjoni Kulturali, Osvaldo Costanzi mal-Banda Beland. Inħarsu 'l quddiem għal aktar inizjattivi, fejn naraw li aktar Żwieten u għaqdiet ikunu jistgħu jibbenefikaw minn inizjattivi li joħorġu minn dawn ir-relazzjonijiet internazzjonali.

Il-Kunsill Lokali ta' Celano, permezz ta' Silvia Morelli u grupp ta' residenti, attendew għall-ftuħ ta' Żejt iż-Żejtun fix-xahar ta' Settembru wara invit mis-Sindku Doris Abela. Ospitajna wkoll għal din l-attivita' lill-Kunsill ta' Birzeit minn ġewwa l-Palestina permezz tas-Sindku tagħhom, is-Sinjura Diana Nasser kif ukoll lill-Kunsill ta' Oborniki mill-Polonja, permezz tas-Sindku Tomasz Szrama. Dawn l-opportunitajiet jgħinuna nkomplu nesponu l-Belt tagħna fejn jkollna ċans nuru l-identita' u l-kultura tagħna mill-viċin. Grazzi lill-kollega Sean Chircop għax dejjem ikun lest biex idawwar lil dawn il-mistiedna barranin madwar it-toroq taż-Żejtun. Fil-25 ta' Settembru, iffirmajna wkoll ftehim ġdid ta' ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali ta' Oborniki, wara li dan ġie approvat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq il-bażi ta' similaritajiet diversi, fosthom: l-agrikoltura kif ukoll il-qasam rurali u urban taż-żewġ lokalitajiet fost oħrajn.



## Għeluq

Fl-**egħluq ta' dan ir-rapport**, nirringrazzja lill-familja u l-kollegi tiegħi, flimkien mar-residenti ta' Beltna, tal-għajnuna li nsib f'kull ma jkun hemm bżonn. Inħarsu 'l quddiem lejn din is-sena ġdida li se tkun ukoll sena t'egħluq ta' din il-leġislatura. Grazzi lis-Sindku u sħabi kunsilliera tal-kuraġġ u s-sostenn li nsibu f'xulxin, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff, kemm amministrattiv u manwali, tal-koperazzjoni dejjiema tagħhom. Ma nistax nagħlaq dan ir-rapport mingħajr ma nsellem lill-ħabiba u kollega dedikata fil-Kunsill għal dawn l-aħħar snin, Marthese Zahra, li minkejja l-uġigħ, kienet issegwi dak kollu li nkun qed inwettaq u baqgħet tagħmilli kuraġġ biex nibqa' naħdem b'risq iż-Żejtun.

# Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2024

**Anton Falzon, is-Segretarju Eżekuttiv**

Qed inressqu l-estimi finanzjarji tal-Kunsill Lokali Żejtun għas-sena finanzjarja 2024.

Minkejja li kienet sena mimlija sfidi, li mill-aspett finanzjarju bla dubju kienet aktar iebsa mis-snin preċedenti, b'sodisfazzjon u b'wiċċna minn quddiem, nistqarru li għalaqna din is-sena b'bilanċ pożittiv.

Bħas-snin preċedenti, kienet sena wkoll li sfortunatament fiha rajna l-ispejjeż tal-operat jogħlew mingħajr limitu, u dan ikompli jitfa' piż kemm fuq l-amministrazzjoni, kif ukoll fuq il-membri tal-Kunsill. Dan għaliex wieħed ikun ferm żbaljat jekk jaħseb li dak li kien possibbli li jsir fil-passat, għadu possibbli, jew li saħansitra jista' jsir iżjed. Dan ir-riżultat finanzjarju kien biss possibbli għaliex fl-aħħar kwart ta' din is-sena, sar kull sforz sabiex ma jsirux spejjeż aktar milli kien hemm bżonn. Għalkemm ħafna drabi dawn id-deċizjonijiet ma jkunux l-aktar popolari jew ma jinftiehmux, din tkun l-unika triq sabiex il-Kunsill jibqa' sostenibbli u jkun jista' jibqa jopera mingħajr restrizzjonijiet fil-futur.

Waħda mill-akbar bidliet li kellhom il-Kunsill Lokali matul is-sena 2023, kienet fil-qasam tal-ġbir tal-iskart. Rajna żieda ferm sostanzjali għar-rimi tal-iskart imħallat, li sfortunatament ser terġa' togħla bi 30% oħra matul is-sena 2024. Bl-estimi mressqa f'dan id-dokument, il-Kunsill ser ikun qiegħed jaffaċċja din l-isfida b'determinazzjoni, u jekk jimxi mal-ispejjeż kif indikat, ninsab ċert li naslu għal riżultat ieħor kif mixtieq.

Spiża oħra li żdiedet drastikament hi l-knis tat-toroq urbani. Hekk kif il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, b'kuraġġ wasal sabiex ħa deċizonijiet sabiex il-manteniment tal-ġonna, kif ukoll dak taż-żoni mhux urbani qiegħed isir minn impjegati tal-Kunsill, nemmen li għandha tinbeda diskussjoni sabiex il-Kunsill imur f'direzzjoni differenti minn dik preżenti. Nemmen li hemm soluzzjonijiet differenti minn obbligu kuntrattwali bħal dak preżenti sabiex jingħata s-servizz kif mixtieq.

Matul l-2024, il-Kunsill ser ikun qiegħed jara li jeżegwixxi proġetti kapitali b'determinazzjoni. Fost dawn, hemm ir-restawr tal-faċċata ta' Ġnien il-Kmandant li ser tinbeda fil-jiem li ġejjin, it-tisbiħ ta' Ġnien Brejġu, it-tibdil tal-pavimentar ta' Ġnien San Girgor, it-tisbiħ ta' Misraħ Hal Tmin, kif ukoll il-proġett ambizzjuż tal-*jogging track* f'Ġebel San Martin.

Fuq nota finali, minn qalbi nirringrazzja s-Sindku, Viċi-Sindku, Kunsilliera u kollegi għall-koperazzjoni sħiha matul din il-leġiżlatura li kienet il-pern għas-suċċessi finanzjarji milħuqa. Din kienet is-sittax -il darba li bħala Kap Amminstrattiv u Finanzjarju, flimkien mal-kollegi preżenti u passati ksibt riżultati li tassew kburi bihom. Fl-aħħar u mhux l-anqas, insellem il-memorja tal-kollega Marthese Zahra, li kienet tassew parti integrali mit-tim amministrattiv tiegħna.

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv

## Statement of Income and Expenditure

| DESCRIPTION | BUDGET Jan-Dec 2023 | ACTUAL Jan-Dec 2023 | BUDGET Jan-Dec 2024 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Income** | | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 1,335,188 | 1,133,515 | 1,370,602 | 35,414 | 237,087 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 53,635 | 68,602 | 78,013 | 24,378 | 9,411 |
| Income raised from LES (3) | 7,000 | 11,534 | 11,700 | 4,700 | 166 |
| Investment Income (4) | 120 | 125 | 120 | - | (5) |
| Other Income (5) | 16,400 | 22,203 | 17,500 | 1,100 | (4,703) |
| **TOTAL** | **1,412,343** | **1,235,979** | **1,477,935** | **65,592** | **241,956** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 307,927 | 335,671 | 343,302 | 35,375 | 7,631 |
| Operations and Maintenance (7) | 579,600 | 560,815 | 668,200 | 88,600 | 107,385 |
| Administration (8) | 47,000 | 52,756 | 81,000 | 34,000 | 28,244 |
| Finance Cost (9) | - | | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 287,319 | 213,207 | 299,745 | 12,426 | 86,538 |
| **TOTAL** | **1,221,846** | **1,162,449** | **1,392,247** | **170,401** | **229,798** |
| **Surplus / Deficit** | **190,497** | 73,530 | 85,688 | (104,809) | 12,158 |

## Statement of Financial Position

| DESCRIPTION | ACTUAL as at 31 Dec 2023 | ACTUAL as at 31 Dec 2023 | BUDGET as at 31 Dec 2024 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Non-current Assets** | | | | | |
| Property, Plant and Equipment (16) | 1,676,940 | 1,409,740 | 1,427,244 | (249,696) | 17,504 |
| **Current Assets** | | | | | |
| Inventories (11) | - | - | - | - | - |
| Receivables (12) | 100,148 | 56,764 | 104,500 | 4,352 | 47,736 |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 1,760,425 | 1,970,449 | 1,980,000 | 219,575 | 9,551 |
| **Total Current Assets** | **1,860,573** | 2,027,213 | 2,084,500 | 223,927 | 57,287 |
| **Current Liabilities (14)** | | | | | |
| Payables | 303,008 | 438,574 | 284,799 | (18,209) | (153,775) |
| **Total Current Liabilities** | **303,008** | 438,574 | 284,799 | (18,209) | (153,775) |
| **Net Current Assets** | **1,557,565** | 1,588,639 | 1,799,701 | 242,136 | 211,062 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **3,234,505** | 2,998,379 | 3,226,945 | (7,560) | 228,566 |
| **Reserves** | | | | | |
| Retained Funds | **3,234,505** | **3,109,093** | **3,194,781** | **(39,724)** | **85,688** |

# Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2023 | ACTUAL as at 31 Dec 2023 | BUDGET as at 31 Dec 2024 |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Current Assets | 1,860,573 | 2,027,213 | 2,084,500 |
| Current Liabilities | 303,008 | 438,574 | 284,799 |
| **Working Capital** | 1,557,565 | 1,588,639 | 1,799,701 |
| Government Allocation | 989,048 | 989,048 | 1,088,938 |
| **FSI** | **157 %** | **161 %** | **165 %** |

**Cash Budget**

| DESCRIPTION | QTR 1 JAN-MAR 2024 € | QTR 2 APR-JUN 2024 € | QTR 3 JUL-SEP 2024 € | QTR 4 OCT-DEC 2024 € | TOTAL 2024 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash Inflows** | | | | | |
| **Government cash inflows** | 342,651 | 342,651 | 342,651 | 342,651 | **1,370,602** |
| **Cash flows from Bye-Laws & L.N fees** | 19,503 | 19,503 | 19,503 | 19,503 | **78,013** |
| **Local Enforcement cash flows** | 2,925 | 2,925 | 2,925 | 2,925 | **11,700** |
| **Finance cash flows** | | | | | |
| Loan Proceeds | | | | | - |
| Investment income | 30 | 30 | 30 | 30 | **120** |
| | | | | | **120** |
| **Capital cash flow** | | | | | |
| Proceeds from disposal of assets | | | | | - |
| | | | | | - |
| **Cash received from EU funds** | | | | | - |
| **Cash received from Twinning** | | | | | - |
| **Cash from Community Services** | | | | | - |
| **Other Cash Inflows** | 3,938 | 3,938 | 3,938 | 3,938 | **15,750** |
| **TOTAL Inflows** | **369,016** | **369,016** | **369,016** | **369,016** | **1,476,185** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash Outflows** | | | | | |
| **Personal Emoluments** | 85,826 | 85,826 | 85,826 | 85,826 | **343,302** |
| **Operations & Maintenance** | 160,800 | 160,800 | 160,800 | 160,800 | **643,200** |
| **Administration** | 13,125 | 13,125 | 13,125 | 13,125 | **52,500** |
| **Finance** | - | - | - | - | **-** |
| **Capital** | | | | | |
| Acquisition of property | | | | | **-** |
| Construction | | | | | **-** |
| Improvements | 20,000 | 80,000 | 55,000 | 65,000 | **220,000** |
| Special programmes | | | | | **-** |
| | | | | | **-** |
| | 20,000 | 80,000 | 55,000 | 65,000 | **220,000** |
| **Cash outflows re EU projects** | | | | | **-** |
| **Cash outflows re Twinning** | | | | | **-** |
| **Cash outflows re Community Services** | | | | | **-** |
| | | | | | **-** |
| | - | - | - | - | **-** |
| **TOTAL Outflows** | **279,751** | **339,751** | **314,751** | **324,751** | **1,259,002** |
| **SURPLUS / (DEFICIT)** | **89,266** | **29,266** | **54,266** | **44,266** | **217,183** |
| **Brought forward (Bank /Cash Bal.)** | **1,970,449** | **2,059,715** | **2,088,981** | **2,143,246** | **1,970,449** |
| **Carry forward** | **2,059,715** | **2,088,981** | **2,143,246** | **2,187,512** | **2,187,632** |

# Detailed Estimates of Income

| | | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | BUDGET Jan-Dec 2023 | ACTUAL Jan-Sept 2023 | FORECAST Oct-Dec 2023 | TOTAL Jan-Dec 2023 | BUDGET Jan-Dec 2024 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
| | | | € | € | € | € | € | € | € |
| | | **Income** | | | | | | | |
| 1 | | **Funds received form Central Government:** | | | | | | | |
| | 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 989,048 | 653,838 | 335,210 | 989,048 | 1,088,938 | 99,890 | 99,890 |
| | 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | 10,000 | | | - | 10,000 | - | 10,000 |
| | 0005-0019 | Other Income | 336,140 | 144,467 | | 144,467 | 271,664 | (64,476) | 127,197 |
| | | | **1,335,188** | **798,305** | **335,210** | 1,133,515 | **1,370,602** | **35,414** | **237,087** |
| 2 | | **Bye-Laws & Legal Fees** | | | | | | | |
| | 0021-0025 | **Bye-Laws & Legal Fees** | 16,500 | 8,844 | 3,200 | 12,044 | 12,500 | (4,000) | 456 |
| | 0026-0035 | **Bye-Laws & Legal Fees** | 37,135 | 50,258 | 6,300 | 56,558 | 65,513 | 28,378 | 8,955 |
| | | | **53,635** | **59,102** | **9,500** | **68,602** | **78,013** | **24,378** | **9,411** |
| 3 | | **Local Enforcement Income** | | | | | | | |
| | 0037 | Commission from Regional Committees | | | | | | | |
| | 0038-0055 | Contraventions | 7,000 | 6,034 | 5,500 | 11,534 | 11,700 | 4,700 | 166 |
| | | | | | | - | | - | - |
| | | | **7,000** | **6,034** | **5,500** | **11,534** | **11,700** | **4,700** | **166** |
| 4 | | **Investment Income** | | | | | | | |
| | 0091-0095 | Bank interest | 120 | 105 | 20 | 125 | 120 | - | (5) |
| | 0096-0099 | Income received from Government Securities | | | | - | | - | - |
| | | | **120** | **105** | **20** | **125** | **120** | **-** | **(5)** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | **General Income** | | | | | | | |
| 0056-0065 | Sponsorships | | 115 | | 115 | | - | (115) |
| 0066-0069 | Documents & Information | 5,700 | 2,577 | | 2,577 | 6,000 | 300 | 3,423 |
| 0070-0075 | EU Funds | | | | - | | - | - |
| 0076-0080 | Twinning | | | | - | | - | - |
| 0081-0089 | Insurance Claims | | | | - | | - | - |
| 0100-0109 | Donations | | | | - | | - | - |
| 0110-0119 | Contributions | | | | - | | - | - |
| 0120-0129 | General Income | 10,700 | 15,211 | 4,300 | 19,511 | 11,500 | 800 | (8,011) |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **16,400** | **17,903** | **4,300** | **22,203** | **17,500** | **1,100** | **(4,703)** |
| | **Total** | **1,412,343** | **881,449** | **354,530** | **1,235,979** | **1,477,935** | **65,592** | **241,956** |

## Detailed Estimates of Expenditure

| | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BUDGET Jan-Dec 2023 | ACTUAL Jan-Sept 2023 | FORECAST Oct-Dec 2023 | TOTAL Jan-Dec 2023 | BUDGET Jan-Dec 2024 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
| | | € | € | € | € | € | € | € |
| 6 | **Personal Emoluments** | | | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 16,003 | 12,452 | 16,602 | 29,054 | 16,365 | 362 | (12,689) |
| 1200 | Employees' Salaries & Wages | 219,176 | 166,585 | 56,981 | 223,566 | 239,722 | 20,546 | 16,156 |
| 1300 | Bonuses | 19,206 | 1,104 | 18,193 | 19,297 | 19,300 | 94 | 3 |
| 1400 | Income Supplements | 3,242 | 2,685 | | 2,685 | 2,700 | (542) | 15 |
| 1500 | Social Security Contributions | 17,000 | 16,059 | 5,489 | 21,548 | 21,500 | 4,500 | (48) |
| 1600 | Allowances | 23,300 | 16,500 | 6,100 | 22,600 | 26,715 | 3,415 | 4,115 |
| 1700 | Overtime | 10,000 | 12,923 | 3,998 | 16,921 | 17,000 | 7,000 | 79 |
| | | **307,927** | **228,308** | **107,363** | **335,671** | **343,302** | **35,375** | **7,631** |
| 7 | **Operations and Maintenance** | | | | | | | |
| 2100-2149 | Public Utilities | 12,000 | 3,797 | 4,300 | 8,097 | 12,000 | - | 3,903 |
| 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 10,500 | 8,752 | 3,200 | 11,952 | 10,500 | - | (1,452) |
| 2300-2399 | Repairs & Upkeep | 82,200 | 43,815 | 12,500 | 56,315 | 81,500 | (700) | 25,185 |
| 2400-2449 | Rent | 7,000 | 10,355 | 2,500 | 12,855 | 7,000 | - | (5,855) |
| 3010 | Street Lighting | 32,000 | 19,415 | 12,500 | 31,915 | 30,000 | (2,000) | (1,915) |
| 3020 | Lease of Equipment | | | | - | | - | - |
| 3030 | Insurance | 5,000 | 7,607 | 1,000 | 8,607 | 6,500 | 1,500 | (2,107) |
| 3035 | Bank Charges | 1,200 | 746 | 200 | 946 | 1,200 | - | 254 |
| 3038 | Penalties | | | | - | | - | - |
| 3040 | Waste Disposal | 55,000 | 93,671 | 27,000 | 120,671 | 170,000 | 115,000 | 49,329 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3041 | Refuse Collection | 120,000 | 42,376 | 12,000 | 54,376 | 75,000 | (45,000) | 20,624 |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 45,000 | 32,124 | 8,000 | 40,124 | 45,000 | - | 4,876 |
| 3043 | Bins on wheels | | | | - | | - | - |
| 3045 | Bring in sites | | | | - | | - | - |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 72,000 | 59,628 | 21,000 | 80,628 | 80,000 | 8,000 | (628) |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 5,000 | 20,312 | | 20,312 | 8,000 | 3,000 | (12,312) |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | | 246 | | 246 | 3,000 | 3,000 | 2,754 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | 8,000 | 2,754 | 900 | 3,654 | 8,000 | - | 4,346 |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | | | | - | | - | - |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | - | 7,233 | | 7,233 | | - | (7,233) |
| 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | | | - | | - | - |
| 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | | | - | | - | - |
| 3064 | Other Contractual Services | 20,000 | | | - | 15,000 | (5,000) | 15,000 |
| 3070-3090 | Consultation Fees | | | | - | | - | - |
| 3100-3139 | Contract & Project Management | 31,000 | 29,187 | 3,000 | 32,187 | 27,000 | (4,000) | (5,187) |
| 3300-3379 | Hospitality | 73,700 | 63,970 | 7,000 | 70,970 | 88,500 | 14,800 | 17,530 |
| 3380-3389 | Community | | (3,859) | | (3,859) | | - | 3,859 |
| 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | | 2,586 | 1,000 | 3,586 | | - | (3,586) |
| 3700-3799 | EU Projects | | | | - | | - | - |
| 3800-3899 | Twinning | | | | - | | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **579,600** | **444,715** | **116,100** | **560,815** | **668,200** | **88,600** | **107,385** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **8** | **Administration & Other Expenditure** | | | | | | | |
| 2150-2199 | Office Utilities | 5,000 | 69 | 3,000 | 3,069 | 2,000 | (3,000) | (1,069) |
| 2260-2299 | Office Materials & Supplies | | - | | - | | - | - |
| 2450-2499 | Office Rent | | - | | - | | - | - |
| 2500-2599 | National & International Memberships | 500 | | | - | 6,000 | 5,500 | 6,000 |
| 2600-2699 | Office Services | 7,000 | 5,383 | 1,200 | 6,583 | 6,000 | (1,000) | (583) |
| 2700-2799 | Transport | 5,000 | 4,621 | 800 | 5,421 | 6,000 | 1,000 | 579 |
| 2800-2899 | Travel | | | | - | | - | - |
| 2900-2999 | Information Services | | 2,812 | 300 | 3,112 | | - | (3,112) |
| 3050 | Office Cleaning | | - | | - | | - | - |
| 3140-3199 | Professional Services | 5,000 | 4,266 | 1,500 | 5,766 | 6,000 | 1,000 | 234 |
| 3200-3299 | Training | | - | | - | | - | - |
| 3345 | Office Hospitality | | - | | - | | - | - |
| 3400-3499 | Incidental Expenses | 24,500 | 17,805 | 11,000 | 28,805 | | (24,500) | (28,805) |
| | | | | | - | 55,000 | 55,000 | 55,000 |
| | | **47,000** | **34,956** | **17,800** | **52,756** | **81,000** | **34,000** | **28,244** |
| **9** | **Finance Costs** | | | | | | | |
| 3036 | Interest on Bank Loan | | | | - | | - | - |
| **10** | **Other Expenditure** | | | | | | | |
| 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of assets | | | | - | | - | - |
| 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | | | | - | | - | - |
| 8000-8099 | Depreciation (Charge for the Year) | 287,319 | 188,207 | 25,000 | 213,207 | 299,745 | 12,426 | 86,538 |
| | | 287,319 | 188,207 | 25,000 | 213,207 | 299,745 | 12,426 | 86,538 |
| | **Total** | **1,221,846** | **896,186** | **266,263** | **1,162,449** | **1,392,247** | **170,401** | **229,798** |

# Detailed Estimates of Statement of Financial Position

| | | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | BUDGET Jan-Dec 2023 € | ACTUAL as at 30-Sep 2023 € | FORECAST changes from 30 Sep-31 Dec 2023 € | TOTAL as at 31-Dec 2023 € | BUDGET Jan-Dec 2024 € | VARIANCE Bud-Bud € | VARIANCE Bud-Act € |
| 11 | | **Inventory** | | | | | | | |
| | 5201-5249 | Stationery | | | | - | - | - | - |
| | 5250-5299 | Consumables | | | | - | - | - | - |
| | | | | | | - | - | - | - |
| | | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| 12 | | **Receivables** | | | | | | | |
| | 0201-0209 | Receivables | 86,984 | 35,764 | 8,000 | 43,764 | 87,500 | 516 | 43,736 |
| | 0210-0219 | LES Receivables | 13,164 | | | 13,000 | 17,000 | 3,836 | 4,000 |
| | 0220-0229 | Receivables from EU | | | | - | | - | - |
| | 0250 | Prepayments & Accrued income | | | | - | | - | - |
| | | | | | | - | | - | - |
| | | | **100,148** | **35,764** | **8,000** | **56,764** | **104,500** | **4,352** | **47,736** |
| 13 | | **Cash & Equivalents** | | | | | | | |
| | 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 1,760,425 | 1,890,920 | 79,529 | 1,970,449 | 1,980,000 | 219,575 | 9,551 |
| | | | **1,760,425** | **1,890,920** | **79,529** | **1,970,449** | **1,980,000** | **219,575** | **9,551** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **14** | **Payables** | | | | | | | |
| 4000 | Payables | 203,008 | 113,899 | | 113,899 | 145,450 | (57,558) | 31,551 |
| 4100 | Accruals | 100,000 | | | - | 18,186 | (81,814) | 18,186 |
| 4150 | Defered Income | | 324,675 | | 324,675 | 121,163 | 121,163 | (203,512) |
| | Current portion of Long-Term Borrowings | | | | - | - | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **303,008** | **438,574** | **-** | **438,574** | **284,799** | **(18,209)** | **(153,775)** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **15** | **Non Current Liabilities** | | | | | | | |
| 4200 | Long Term Borrowings | | | | - | | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |